MT 2016

Nru 26

Rapport Speċjali

# Iż-żieda fl-effettività tal-kundizzjonalità u l-ksib ta' simplifikazzjoni għadhom diffikultużi

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1
Mistoqsijiet: eca.europa.eu/mt/Pages/ContactForm.aspx
Sit web: eca.europa.eu
Twitter: @EUAuditorsECA

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet.
Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (http://europa.eu).

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2016

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Print | ISBN 978-92-872-6008-6 | ISSN 1831-0907 | doi:10.2865/225617 | QJ-AB-16-026-MT-C |
| PDF | ISBN 978-92-872-6027-7 | ISSN 1977-5741 | doi:10.2865/655219 | QJ-AB-16-026-MT-N |
| EPUB | ISBN 978-92-872-6041-3 | ISSN 1977-5741 | doi:10.2865/737485 | QJ-AB-16-026-MT-E |

© L-Unjoni Ewropea, 2016
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

MT 2016

Nru 26

Rapport Speċjali

# Iż-żieda fl-effettività tal-kundizzjonalità u l-ksib ta' simplifikazzjoni għadhom diffikultużi

(skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE)

# Tim tal-awditjar



Ir-rapporti speċjali tal-QEA jippreżentaw ir-riżultati tal-awditi tal-prestazzjoni u tal-konformità tagħha f'dak li jirrigwarda oqsma baġitarji jew suġġetti ta' ġestjoni speċifiċi. Il-QEA tagħżel u tfassal dawn il-kompiti tal-awditjar biex timmassimizza l-impatt tagħhom billi tqis ir-riskji għall-prestazzjoni jew għall-konformità, il-livell ta' introjtu jew ta' nfiq involut, l-iżviluppi li jkunu għad iridu jseħħu u l-interess politiku u pubbliku.

Dan l-awditu tal-prestazzjoni twettaq mill-Awla I tal-Awditjar — immexxija minn Phil Wynn Owen, Membru tal-QEA — li tispeċjalizza fl-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali. L-awditu tmexxa mill-Membru Relatur Nikolaos Milionis, b'appoġġ minn Ioulia Papatheodorou, Kap tal-kabinett, Kristian Sniter, Attaché tal-kabinett; Robert Markus, Maniġer Prinċipali; Daniela Jinaru, Kap tal-Kompitu; Felipe Andrés Miguélez, Marius Cerchez u Michael Spang, Awdituri.



*Mix-xellug għal-lemin:* K. Sniter, I. Papatheodorou, N. Milionis, R. Markus, D. Jinaru.

# Werrej



Paragrafu

Glossarju

I-IX Sommarju eżekuttiv

1-10 Introduzzjoni

11-17 Ambitu u approċċ tal-awditjar

18-71 Osservazzjonijiet

18-36 L-informazzjoni disponibbli ma ppermettietx lill-Kummissjoni tivvaluta b'mod adegwat l-effettività tal-kundizzjonalità

22-27 L-indikaturi tal-prestazzjoni li ntużaw mill-Kummissjoni taw stampa parzjali tal-effettività tal-kundizzjonalità

28-33 Il-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-effettività tal-kundizzjonalità ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-livell tan-nuqqas ta' konformità mill-bdiewa

34-36 Il-Kummissjoni ma analizzatx ir-raġunijiet għall-ksur tal-kundizzjonalità u l-mezzi biex tindirizzahom

37-71 Is-sistema ta' ġestjoni u kontroll tal-kundizzjonalità tista' tiġi ssimplifikata aktar

41-47 Il-proċeduri ta' kontroll baqgħu kumplessi

48-52 L-Iskema għall-Bdiewa Żgħar naqqset il-piż amministrattiv, iżda dan jista' jaffettwa l-ilħuq tal-objettivi tal-kundizzjonalità f'xi Stati Membri

53-58 L-ekoloġizzazzjoni introduċiet saff addizzjonali ta' kontrolli għal prattiki obbligatorji li jirrispettaw l-ambjent

59-64 L-ispejjeż speċifiċi assoċjati mal-implimentazzjoni tal-kundizzjonalità mhumiex ikkwantifikati biżżejjed

65-71 Il-bażi għall-kalkolu ta' penali relatati mal-kundizzjonalità għall-bdiewa fl-UE kollha mhijiex armonizzata biżżejjed

## Werrej

72-79 **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

**Anness I — L-ambitu tar-regoli tal-kundizzjonalità, skont l-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

**Anness II — Bidliet prinċipali fl-ambitu tar-regoli tal-kundizzjonalità għall-PAK għall-perjodu 2014-2020**

**Anness III — Il-partijiet interessati esprimew ħtieġa għal aktar simplifikazzjoni**

**Anness IV — Studji tal-każijiet li ġew inklużi fl-istħarriġ mibgħut lill-Aġenziji tal-Pagamenti**

**Risposti tal-Kummissjoni**

# Glossarju

05

**Aġenzija tal-Pagamenti**: Il-korp responsabbli fi ħdan Stat Membru għall-valutazzjoni, il-kalkolu, l-ispezzjoni u l-pagament xierqa ta' sussidji tal-PAK.

**Awditjar tal-konformità**: Spezzjonijiet fuq il-post imwettqa minn awdituri tad-DĠ AGRI, li jippermettu li l-Kummissjoni tivverifika jekk l-Istati Membri għamlux użu korrett mill-fondi li jkunu tqiegħdu għad-disponibbiltà tagħhom mill-FAEG u mill-FAEŻR, u b'mod partikolari jekk għandhomx sistemi ta' ġestjoni u kontroll li jiffunzjonaw tajjeb u li jiżguraw li l-pagamenti għall-benefiċjarji jkunu regolari.

**DĠ AGRI**: Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, tal-Kummissjoni Ewropea, responsabbli għall-implimentazzjoni tal-politika agrikola u ta' żvilupp rurali.

**DĠ ENV**: Direttorat Ġenerali għall-Ambjent, tal-Kummissjoni Ewropea, responsabbli għal-leġiżlazzjoni settorjali dwar l-ambjent.

**DĠ SANTE**: Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari, tal-Kummissjoni Ewropea, responsabbli għal-leġiżlazzjoni settorjali dwar is-saħħa pubblika, is-saħħa tal-pjanti, is-saħħa tal-annimali u t-trattament xieraq tal-annimali.

**FAEG**: Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija

**FAEŻR**: Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali

**KAAT**: Standards ta' kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba ta' art li għandhom l-għan li jikkontribwixxu biex ma jitħalliex ikun hemm erożjoni tal-ħamrija, jinżammu l-materjal organiku u l-istruttura tal-ħamrija, jiġi żgurat livell minimu ta' manutenzjoni, tiġi evitata d-degradazzjoni ta' abitati u jiġi mħares u mmaniġġat l-ilma. Dawn l-istandards ġew introdotti mil-leġiżlazzjoni tal-PAK u huma applikabbli biss għall-benefiċjarji tal-PAK. Iridu jiġu ddefiniti mill-Istati Membri li jieħdu kont tal-kundizzjonijiet lokali.

**Korp Konsultattiv għall-Azjendi Agrikoli**: Korp pubbliku jew privat fdat minn Stat Membru bl-operat ta' sistema għall-għoti ta' pariri lill-bdiewa dwar il-ġestjoni tal-artijiet u l-ġestjoni tal-azjendi agrikoli.

**PAK**: Politika Agrikola Komuni

**Punti ta' kontroll**: aspetti dettaljati li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tar-regoli tal-kundizzjonalità li huma inklużi fil-listi ta' kontroll għall-kontrolli fuq il-post u l-kontrolli amministrattivi mwettqa jew mitluba lil korpi oħra ta' kontroll mill-awtorità maniġerjali responsabbli li tkun inkarigata mill-kundizzjonalità f'kull Stat Membru (jiġifieri Aġenziji tal-Pagamenti)

**Regoli tal-kundizzjonalità**: Ir-regoli dwar il-kundizzjonalità jikkonsistu fir-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni (RSĠ) skont il-liġi tal-Unjoni u l-istandards għal kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba ta' art (KAAT) stabbiliti fuq livell nazzjonali kif elenkati fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, relatati mal-ambjent, it-tibdil fil-klima u l-kundizzjoni agrikola tajba tal-artijiet, is-saħħa pubblika, tal-annimali u tal-pjanti; u t-trattament xieraq tal-annimali. F'dan ir-rapport it-termini "regoli tal-kundizzjonalità" u "obbligi ta' kundizzjonalità" huma interkambjabbli.

**RSĠ**: Rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni huma għadd magħżul ta' obbligi li ġew inkorporati fl-ambitu tar-regoli tal-kundizzjonalità minn direttivi u regolamenti eżistenti tal-UE li jikkonċernaw l-ambjent, is-saħħa pubblika, is-saħħa tal-pjanti, is-saħħa tal-annimali u t-trattament xieraq tal-annimali (il-leġiżlazzjoni settorjali). Dawn ir-rekwiżiti huma diġà applikabbli barra mill-qafas tal-PAK.

# Glossarju



**Sena finanzjarja**: is-sena finanzjarja agrikola tkopri nfiq imħallas u dħul riċevut u mdaħħal fil-kontijiet tal-baġit tal-Fondi mill-Aġenziji tal-Pagamenti fir-rigward tas-sena finanzjarja “N” li tibda fis-16 ta’ Ottubru tas-sena “N-1” u tintemm fil-15 ta’ Ottubru tas-sena “N” (l-Artikolu 39 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill).

# Sommarju eżekuttiv

## I

Il-kundizzjonalità torbot il-biċċa l-kbira mill-pagamenti taħt il-PAK mar-rekwiżit li l-bdiewa jikkonformaw ma' regoli bażiċi għall-ambjent, għas-sikurezza alimentari, għas-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, u għall-kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajbin. Attwalment hija tapplika għal 7.5 miljun bidwi li fl-2015 irċevew bejn wieħed u ieħor EUR 47 miljun f'għajnuna[1]. Hemm aspettattivi għoljin tas-soċjetà li l-bdiewa li jirċievu sussidji mill-UE jikkonformaw mal-kundizzjonalità.

## II

Il-leġiżlatur stabbilixxa qafas tal-UE rigward il-kundizzjonalità. Il-Kummissjoni hija responsabbli għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tiegħu. L-Istati Membri kkonkretizzaw ir-regoli tal-UE f'obbligi fil-livell tal-bdiewa u vverifikaw jekk dawn l-obbligi ġewx irrispettati. Aħna eżaminajna jekk is-sistema ta' ġestjoni u kontroll tal-kundizzjonalità kinitx effettiva u jekk din tistax tiġi ssimplifikata aktar.

## III

Aħna kkonkludejna li l-informazzjoni disponibbli ma ppermettietx lill-Kummissjoni tivvaluta b'mod adegwat l-effettività tal-kundizzjonalità. Minkejja l-bidliet introdotti għall-PAK għall-perjodu 2014-2020, is-sistema ta' ġestjoni u kontroll tal-kundizzjonalità għadha tista' tiġi ssimplifikata.

## IV

L-indikaturi tal-prestazzjoni li ntużaw mill-Kummissjoni taw stampa parzjali tal-effettività tal-kundizzjonalità. L-indikaturi ma ħadux inkunsiderazzjoni l-livell tan-nuqqas ta' konformità mill-bdiewa. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma analizzatx ir-raġunijiet għall-infrazzjonijiet u l-mezzi biex tindirizzahom.

## V

Il-bidliet fil-PAK għall-perjodu 2014–2020 naqqsu kemxejn l-għadd tar-regoli tal-kundizzjonalità, billi neħħew rekwiżiti li ma kinux rilevanti biżżejjed għall-attività tal-biedja. Madankollu, il-proċeduri ta' kontroll jibqgħu kumplessi. Miżuri ta' simplifikazzjoni, bħall-iskema għall-bdiewa żgħar, li jtaffu piżijiet addizzjonali minn fuq dahar l-amministrazzjonijiet u l-bdiewa, jeħtieġ li jkunu bbilanċjati bi tqabbil man-neċessità li jintlaħqu l-objettivi tal-kundizzjonalità.

## VI

Il-prattiki tal-biedja taħt il-pagament ġdid ta' ekoloġizzazzjoni għandhom similaritajiet mal-istandards preċedenti tal-KAAT. Konsegwentement, attwalment hemm żewġ settijiet ta' prattiki agrikoli kumplementari li għandhom fil-mira l-istess objettivi: il-manutenzjoni tal-art u l-protezzjoni tal-bijodiversità. Minkejja s-similaritajiet tagħhom, ir-regoli obbligatorji tal-KAAT u tal-ekoloġizzazzjoni jiġu ċċekkjati taħt żewġ sistemi ta' kontroll. Dan jista' jwassal għal ineffiċjenzi fis-sistemi ta' kontroll u għal piż amministrattiv addizzjonali.

1 Dawn is-7.5 miljun bidwi jirrappreżentaw 68 % tal-bdiewa kollha appoġġati mill-PAK u jirċievu 83 % tal-pagamenti kollha. Bdiewa żgħar mhumiex inklużi f'dawn iċ-ċifri billi dawn mhumiex suġġetti għal penali amministrattivi jekk ma jikkonformawx mal-obbligi ta' kundizzjonalità (ara l-paragrafu 48).

## VII

L-ispejjeż tal-implimentazzjoni tal-kundizzjonalità mhumiex ikkwantifikati biżżejjed. Dment li l-Kummissjoni ma jkollhiex stima affidabbli tal-ispiża kumplessiva fil-livell tal-kundizzjonalità, b'aggregazzjoni taċ-ċifri għall-partijiet interessati involuti (istituzzjonijiet tal-UE, awtoritajiet ta' ġestjoni u kontroll tal-Istati Membri, u bdiewa) hija ma tistax tiżgura li s-sistema ta' kundizzjonalità tkun kosteffettiva.

## VIII

Is-sistema ta' sanzjonijiet ma żguratx bażi armonizzata biżżejjed għall-kalkolu ta' penali amministrattivi għall-bdiewa fl-UE kollha li ma kkonformawx mar-regoli. L-applikazzjoni tal-fatturi tas-severità, tal-firxa, tal-permanenza u tal-intenzjonalità waqt il-kalkolu ta' penali għal każijiet simili, kienet tvarja sinifikattivament bejn l-Istati Membri.

## IX

Aħna nagħmlu r-rakkomandazzjonijiet li ġejjin:

- Jenħtieġ li l-Kummissjoni teżamina, bħala parti mill-valutazzjoni tal-impatt għall-PAK wara l-2020, il-mod kif għandha tiżviluppa aktar is-sett ta' indikaturi tagħha biex tivvaluta l-prestazzjoni tal-kundizzjonalità u l-mod kif hija għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-livelli ta' konformità tal-bdiewa mar-regoli tal-kundizzjonalità fl-indikaturi tagħha.
- Jenħtieġ li l-Kummissjoni, minn issa 'l quddiem, ittejjeb il-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar l-infrazzjonijiet relatati mal-kundizzjonalità bejn is-servizzi kkonċernati sabiex tgħinhom jidentifikaw ir-raġunijiet għall-infrazzjonijiet u tieħu miżuri xierqa biex tindirizzahom.
- Għall-PAK wara l-2020, jenħtieġ li l-Kummissjoni tipproponi adattament tar-regoli rigward il-kontrolli fuq il-post għall-kundizzjonalità. Dan ikun jippermetti mmirar aktar effettiv tal-punti ewlenin ta' kontroll.
- Jenħtieġ li l-Kummissjoni tanalizza bħala parti mill-valutazzjoni tal-impatt għall-PAK wara l-2020, l-esperjenza li jkun hemm żewġ sistemi li joperaw b'objettivi ambjentali simili (standards tal-KAAT u ekoloġizzazzjoni) bil-ħsieb li tippromwovi aktar sinerġija bejniethom. Jenħtieġ li din l-analiżi tieħu inkunsiderazzjoni kriterji bħall-impatt ambjentali tal-istandards u l-livell storiku ta' konformità mill-bdiewa.
- Wara r-rapport dwar il-prestazzjoni tal-PAK li hu dovut sa tmiem l-2018, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżviluppa metodoloġija għall-kejl tal-ispejjeż tal-kundizzjonalità.
- Għall-PAK wara l-2020, jenħtieġ li l-Kummissjoni tħeġġeġ applikazzjoni aktar armonizzata tal-penali fil-livell tal-UE billi tikkjarifika aktar il-kunċetti tas-severità, tal-firxa, tal-permanenza, tar-rikorrenza u tal-intenzjonalità.

# Introduzzjoni



**01**

Il-kundizzjonalità torbot il-biċċa l-kbira mill-pagamenti taħt il-Politika Agrikola Komuni (PAK) mal-konformità mill-bdiewa ma' regoli għall-protezzjoni tal-ambjent, għas-sikurezza alimentari, għas-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, u għaż-żamma tal-art f'kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajbin. Attwalment hija tapplika għal 7.5 miljun bidwi fl-UE kollha, li matul is-sena finanzjarja 2015 irċevew bejn wieħed u ieħor EUR 47 biljun f'għajnuna bil-kundizzjoni li jissodisfaw ir-regoli tal-kundizzjonalità (ara l-***Glossarju***)[2]. Jekk il-bidwi ma jikkonformax ma' dawn ir-regoli, tista' tiġi imposta penali amministrattiva.

**02**

Il-kundizzjonalità hija bbażata fuq żewġ settijiet prinċipali ta' regoli (ara l-***Anness I*** għal-lista attwali ta' dawn ir-regoli). Ir-rekwiżiti statutorji ta' ġestjoni (RSĠ) huma rekwiżiti magħżula minn direttivi u regolamenti eżistenti dwar l-ambjent, is-sikurezza alimentari, is-saħħa tal-pjanti, is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali. L-istandards għal kundizzjonijiet agrikoli ambjentali u tajbin (KAAT) huma regoli addizzjonali li huma applikabbli biss għall-benefiċjarji tal-pagamenti taħt il-PAK. Huma jimponu prattiki sostenibbli relatati mal-art agrikola u jindirizzaw il-protezzjoni tal-ilma, tal-ħamrija u tal-ħażna ta' karbonju, u l-manutenzjoni tal-art u l-karatteristiki tal-pajsaġġ.

**03**

Il-kundizzjonalità għandha l-għan li tikkontribwixxi għaż-żewġ objettivi li ġejjin:

Figura 1

**L-objettivi tal-kundizzjonalità**

| | |
|---|---|
| Li tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' agrikoltura sostenibbli | Li tgħin lill-PAK biex issir aktar kompatibbli ma' dak li s-soċjetà tistenna |
| b' | permezz ta' |
| għarfien aħjar min-naħa tal-benefiċjarji dwar il-ħtieġa li jiġu rrispettati l-istandards bażiċi | konsistenza li titjieb tal-politika tal-PAK mal-politiki dwar l-ambjent, is-saħħa pubblika, is-saħħa tal-annimali, is-saħħa tal-pjanti u t-trattament xieraq tal-annimali |

*Sors:* Il-Premessa 54 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013[3].

2 Ir-Rapport Annwali tal-Attività 2015 tad-DĠ AGRI.

3 Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

### 04

Hemm aspettattivi għoljin tas-soċjetà li l-bdiewa li jirċievu sussidji mill-UE jikkonformaw mal-obbligi ta' kundizzjonalità. Skont l-istħarriġ l-aktar reċenti tal-Ewrobarometru[4] ppubblikat f'Jannar 2016, aktar minn erbgħa minn fost ħames wiġġieba tal-UE qiesu li huwa "ġġustifikat" li jitnaqqsu l-pagamenti ta' sussidji għall-bdiewa jekk ma jirrispettawx ir-regoli.

### 05

Bħala wieħed mill-istrumenti tal-PAK, il-kundizzjonalità tiġi implimentata permezz ta' ġestjoni kondiviża, fejn il-kompiti jiġu kondiviżi bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri. F'dan il-kuntest, ir-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni huma:

- li ssegwi l-qafas ġenerali tal-UE stabbilit fir-regolamenti maħruġa mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet riċevuti mill-Parlament Ewropew matul il-kwittanza tal-kontijiet annwali relatati mal-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE;

- li twaqqaf il-qafas dettaljat tal-UE, permezz ta' regolamenti ta' implimentazzjoni u regolamenti ddelegati, kif ukoll linji gwida ta' implimentazzjoni għall-Istati Membri;

- li tivverifika li l-Istati Membri jwettqu r-responsabbiltajiet tagħhom f'konformità mad-dispożizzjonijiet legali, u li tapplika korrezzjonijiet finanzjarji meta jinstab li s-sistemi tagħhom fihom defiċjenzi;

- li tiċċekkja li l-objettivi tal-kundizzjonalità jiġu ssodisfati u li tirrapporta r-riżultati[5].

### 06

Id-DĠ ENV u d-DĠ SANTE huma responsabbli għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u l-ilħuq tal-objettivi tal-leġiżlazzjoni settorjali li minnha jitfasslu l-RSĠ, filwaqt li d-DĠ AGRI huwa responsabbli għall-KAAT. Id-DĠ AGRI jwettaq awditi biex jivverifika li l-Istati Membri jkollhom ġestjoni adegwata tal-kundizzjonalità u sistemi adegwati ta' kontroll għall-kundizzjonalità.

### 07

L-Istati Membri huma responsabbli għall-adozzjoni tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolatorji u amministrattivi kollha għat-twaqqif ta' qafas nazzjonali li jkun konformi mal-qafas ġenerali u dettaljat tal-UE għall-kundizzjonalità, u b'mod partikolari għal:

- l-istabbiliment ta' sistemi li jipprevienu, jaqbdu u jikkoreġu każijiet ta' nuqqas ta' konformità;

- it-twettiq ta' kontrolli, fuq il-post, ta' kampjun ta' mill-inqas 1 % tal-bdiewa[6];

4 "Special Eurobarometer 440 Europeans, Agriculture and the CAP" (Ewrobarometru Speċjali 440, l-Agrikoltura u l-PAK) irrilaxxat fil-21 ta' Jannar 2016, li jirrifletti l-fehmiet miġbura bejn is-17 u s-26 ta' Ottubru 2015 minn TNS opinion & social, fuq talba tal-Kummissjoni Ewropea. L-intervisti kollha twettqu wiċċ imb wiċċ fid-djar ta' ċittadini tal-UE li ntgħażlu b'mod aleatorju.

5 Ara, pereżempju, ir-Rapport Annwali tal-Attività 2014 tad-DĠ AGRI, l-Anness 10, il-Parti 6 Kundizzjonalità.

6 Bħala regola ġenerali, kontrolli fuq il-post iridu jitwettqu fuq kampjun ta' mill-inqas 1 % tal-benefiċjarji tal-PAK. Għal ċerti rekwiżiti madankollu, bħall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali, ir-rata minima ta' kontroll hija ta' 3 % tal-bdiewa, kif previst fil-leġiżlazzjoni settorjali. B'riżultat ta' dan, l-għadd totali ta' bdiewa li ġew iċċekkjati għall-kundizzjonalità jaqbeż fil-prattika l-kampjun ta' 1 %. Pereżempju, matul is-sena finanzjarja 2015 il-perċentwal ta' bdiewa li ġew iċċekkjati kien ta' 2.31 %. Għall-RSĠ, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jikkombinaw dawn il-kontrolli ma' dawk li saru taħt il-leġiżlazzjoni settorjali sabiex jilħqu r-rata ta' kontroll tal-1 % għall-kundizzjonalità.

- l-applikazzjoni ta' penali u l-irkupru, minn bdiewa li kisru r-regoli, ta' ammonti li ma kellhomx jitħallsu;

- ir-rappurtar lill-Kummissjoni (kontijiet annwali awditjati, rapporti finanzjarji, u statistika ta' kontroll).

## 08

Il-benefiċjarji tal-PAK iridu jirrispettaw ir-regoli kollha ta' kundizzjonalità kif id-definiti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Huma għandhom ir-riskju li jitnaqqsilhom il-pagament annwali tagħhom tal-UE jekk jinstab li jkunu qed jiksru xi waħda minn dawn ir-regoli, b'riżultat ta' att jew ommissjoni attribwiti direttament lilhom.

## 09

Fl-2008, aħna ppubblikajna rapport speċjali dwar l-effettività tal-kundizzjonalità[7]. Ir-rapport ikkonkluda li l-cross-compliance (kundizzjonalità) ma kinitx politika effettiva, u enfasizza li l-qafas tal-cross compliance ħoloq diffikultajiet konsid-erevoli, partikolarment minħabba fil-kumplessità tiegħu.

## 10

Is-simplifikazzjoni tal-ambitu u r-regoli relatati mas-sistema ta' kundizzjonalità kienet suġġett kostanti ta' diskussjoni bejn il-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Istati Membri, minħabba l-kumplessità tal-qafas u l-ħtieġa li jiġi żgurat li r-regoli jistgħu jiġu ċċekkjati u li jkunu rilevanti biżżejjed għall-attività tal-biedja. Bejn l-2008 u l-2013 wara "kontroll tas-saħħa" tal-PAK, saru bidliet għas-sistema ta' kundizzjonalità[8]. Bidliet addizzjonali li saru għall-perjodu 2014–2020 attwali kell-hom l-għan[9]:

- li jiffaċilitaw l-ambitu tal-istandards billi dawn jiġu organizzati f'lista unika, miġbura flimkien skont l-oqsma u l-kwistjonijiet, biex is-sistema ta' kundiz-zjonalità tkun aktar konsistenti u aktar viżibbli, u

- li jneħħu mill-ambitu tagħhom għadd mir-rekwiżiti li ma kinux rilevanti biżżejjed għall-attività tal-biedja jew għaż-żona tal-azjenda agrikola, jew li kienu jikkonċernaw l-awtoritajiet nazzjonali aktar milli l-benefiċjarji.

7 Ir-Rapport Speċjali Nru 8/2008 "Il-cross-compliance hija politika effettiva?" (http://eca.europa.eu).

8 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 (ĠU L 30, 31.1.2009, p. 16) fil-fatt żied żewġ KAAT obbligatorji fil-qasam maħluq reċentement tal-protezzjoni u l-ġestjoni tal-ilma u tliet KAAT fakultattivi ġodda fil-qasam tal-livell minimu ta' manutenzjoni tal-art; fl-istess waqt, erbgħa mill-KAAT eżistenti saru fakultattivi, skont ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003. Ġew osservati wkoll bidliet żgħar għall-RSĠ, li permezz tagħhom tneħħa r-rekwiżit mir-Regolament (KE) Nru 2629/97 f'dak illi jirrigwarda tikketti tal-widna, reġistri tal-proprjetà u passaporti.

9 Ara l-Anness II għall-preżentazzjoni dettaljata tal-bidliet introdotti għall-perjodu 2014–2020.

# Ambitu u approċċ tal-awditjar



**11**
Is-simplifikazzjoni hija proċess li għandu l-għan li jiffaċilita r-regoli u l-kontrolli, u li jnaqqas l-ispejjeż ta’ konformità. Miżuri ta’ simplifikazzjoni, filwaqt li jtaffu piżijiet addizzjonali minn fuq dahar l-amministrazzjonijiet u l-bdiewa, jeħtieġ li jkunu bbilanċjati bi tqabbil man-neċessità li jintlaħqu l-objettivi tal-kundizzjonalità.

**12**
Aħna eżaminajna s-sistema ta’ ġestjoni u kontroll tal-kundizzjonalità, li ġiet stabbilita mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri biex nivvalutaw jekk il-kundizzjonalità hijiex effettiva u sa liema punt ġiet issimpifikata taħt il-qafas legali ġdid.

**13**
Il-mistoqsija kumplessiva tal-awditjar kienet:

**“Is-sistema ta’ ġestjoni u kontroll tal-kundizzjonalità hija effettiva u tista’ tiġi ssimplifikata aktar?”**

Dan ir-rapport huwa strutturat flimkien madwar iż-żewġ aspetti prinċipali tal-effettività u s-simplifikazzjoni.

**14**
Aħna analizzajna l-evidenza li ġejja rigward l-implimentazzjoni tal-kundizzjonalità sa issa:

- l-istatistika ta’ kontroll mibgħuta mill-Istati Membri lill-Kummissjoni għas-snin finanzjarji 2011–2014. Dawn ir-rapporti kien fihom *data* relatata mal-għadd ta’ bdiewa li ġew iċċekkjati għal kwalunkwe standard partikolari, l-għadd ta’ nuqqasijiet ta’ konformità li nstabu, u l-livell u l-kategoriji ta’ penali li ġew applikati;
- l-awditi mill-Qorti tal-legalità u r-regolarità (awditi tad-Dikjarazzjoni ta’ Assigurazzjoni - DAS) imwettqa fis-snin finanzjarji 2011–2014;
- awditi tal-konformità mwettqa mid-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (id-DĠ AGRI) tal-Kummissjoni fis-snin finanzjarji 2011–2014.

15

Aħna analizzajna informazzjoni, relatata mas-sistema ta' ġestjoni u kontroll li ġiet stabbilita fil-livell tal-Kummissjoni, li kienet inkisbet permezz ta' intervisti ma' rappreżentanti tad-DĠ AGRI u permezz tal-eżaminar ta' diversi analiżijiet, studji u rapporti mħejjija jew ikkummissjonati mid-DĠ AGRI. Aħna vvalutajna wkoll l-effetti potenzjali tal-bidliet introdotti għall-perjodu 2014-2020 tal-PAK, fuq il-bażi tad-dokumenti li ġejjin: valutazzjoni preparatorja tal-impatt, Regolamenti approvati u dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni.

16

Aħna wettaqna żewġ stħarriġiet li koprew suġġetti bħal: għarfien, konformità u simplifikazzjoni. L-istħarriġiet intbagħtu lill-Aġenziji tal-Pagamenti u lill-Korpi Konsultattivi għall-Azjendi Agrikoli. Aħna rċevejna risposti mill-64[10] Aġenzija tal-Pagamenti kollha mistħarrġa f'27 Stat Membru[11], filwaqt li 72 mill-186 Korp Konsultattiv għall-Azjendi Agrikoli kkuntattjati wieġbu għat-tieni stħarriġ.

17

Aħna żorna tliet reġjuni fl-Istati Membri (il-Ġermanja: Schleswig-Holstein, Spanja: il-Katalonja u r-Renju Unit: l-Irlanda ta' Fuq), fejn intervistajna rappreżentanti tal-Aġenziji tal-Pagamenti u l-assoċjazzjonijiet tal-bdiewa, biex niġbru l-fehmiet tagħhom b'rabta mal-impatt tal-kundizzjonalità fil-livell tal-azjendi agrikoli.

10 Aħna stħarriġna 64 mit-82 Aġenzija tal-Pagamenti eżistenti, billi f'xi Stati Membri mhux l-Aġenziji tal-Pagamenti kollha għandhom responsabbiltajiet għall-kundizzjonalità.

11 Il-Kroazja ma kinitx inkluża fl-ambitu ta' dan l-awditu minħabba nuqqas ta' *data* storika li hu dovut għall-adeżjoni tagħha mal-UE fl-1 ta' Lulju 2013.

## L-informazzjoni disponibbli ma ppermettietx lill-Kummissjoni tivvaluta b'mod adegwat l-effettività tal-kundizzjonalità

**18**
Fl-ewwel parti tar-rapport, aħna neżaminaw jekk l-indikaturi tal-prestazzjoni li ntużaw mill-Kummissjoni tawx stampa kompleta tal-effettività tal-kundizzjonalità, jekk ħadux inkunsiderazzjoni l-livell ta' konformità mill-bdiewa u jekk il-Kummissjoni analizzatx ir-raġunijiet għall-infrazzjonijiet u l-mezzi biex tindirizzahom. L-istandards għall-eżaminar tagħna huma ppreżentati fil-paragrafi 19 sa 21.

**19**
Sabiex tkejjel l-ilħuq tal-objettivi tal-kundizzjonalità (ara l-paragrafu 2), jenħtieġ li l-Kummissjoni tiddefinixxi indikaturi xierqa tal-prestazzjoni[12]. Jenħtieġ li dawn ikunu konformi ma' prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba (ekonomija, effiċjenza u effikaċja (effettività))[13]. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tanalizza u tieħu azzjoni dwar kwistjonijiet tal-prestazzjoni.

**20**
Jenħtieġ ukoll li l-Istati Membri jipprevienu, jikxfu u jittrattaw b'mod effettiv kwalunkwe irregolarità jew nuqqas ta' konformità mal-obbligi ta' kundizzjonalità mill-bdiewa[14] u jirrappurtaw kull sena, lill-Kummissjoni, dwar ir-riżultati tal-kontrolli tagħhom.

**21**
Jenħtieġ li l-effettività tal-kundizzjonalità tiġi vvalutata billi jittieħed inkunsiderazzjoni l-livell ta' konformità mill-bdiewa mar-regoli tal-kundizzjonalità, bħala indikatur ewlieni tal-kontribut tal-politika għall-protezzjoni tal-ambjent, is-saħħa pubblika, is-saħħa tal-annimali, is-saħħa tal-pjanti u t-trattament xieraq tal-annimali. Sabiex il-politika ssir aktar effettiva, jenħtieġ li t-tfassil tal-qafas tal-kundizzjonalità jinkludi miżuri biex jiġu identifikati u indirizzati r-raġunijiet għalfejn il-bdiewa ma jikkonformawx mar-regoli.

12 Skont il-Premessa 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (KE) Nru 834/2014 tat-22 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tal-qafas komuni ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tal-politika agrikola komuni (ĠU L 230, 1.8.2014, p. 1).

13 L-Artikolu 30 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1) (ir-Regolament Finanzjarju) jipprovdi d-definizzjonijiet li ġejjin:
Il-prinċipju tal-ekonomija jirrikjedi li r-riżorsi użati mill-istituzzjoni fit-twettiq tal-attivitajiet tagħha għandhom ikunu disponibbli f'waqt xieraq, fi kwantità u kwalità xierqa u bl-aħjar prezz.
Il-prinċipju tal-effiċjenza jikkonċerna l-aqwa relazzjoni bejn ir-riżorsi użati u r-riżultati miksuba.
Il-prinċipju tal-effikaċja jikkonċerna l-kisba tal-objettivi speċifiċi stabbiliti u li jintlaħqu r-riżultati ppjanati.

14 Skont il-Premessa 39 tar-Regolament (KE) Nru 1306/2013.

## L-indikaturi tal-prestazzjoni li ntużaw mill-Kummissjoni taw stampa parzjali tal-effettività tal-kundizzjonalità

### Is-sitwazzjoni għall-perjodu 2007-2013

**22**
Għall-ewwel objettiv (li tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' agrikoltura sostenibbli b'għarfien aħjar min-naħa tal-benefiċjarji dwar il-ħtieġa li jiġu rrispettati dawk l-istandards bażiċi) il-Kummissjoni użat l-indikatur "Perċentwal tal-pagamenti taħt il-PAK koperti mill-kundizzjonalità", li juri l-proporzjon tal-pagamenti taħt il-PAK li għalihom il-bdiewa għandhom jikkonformaw mar-regoli tal-kundizzjonalità. Madankollu, dan l-indiaktur ma jkejjilx l-għarfien mill-bdiewa dwar dawk ir-regoli jew il-livell tagħhom ta' konformità magħhom.

**23**
Biex tkejjel it-tieni objettiv (li tgħin lill-PAK biex issir aktar kompatibbli ma' dak li s-soċjetà tistenna permezz ta' konsistenza li titjieb tal-politika tal-PAK mal-politiki dwar l-ambjent, is-saħħa pubblika, is-saħħa tal-annimali, is-saħħa tal-pjanti u t-trattament xieraq tal-annimali), l-indikatur użat kien l-"Opinjoni espressa mill-pubbliku dwar il-kundizzjonalità", li tkejjel mill-Kummissjoni fl-istħarriġ tal-Ewrobarometru. L-għażliet ta' mistoqsijiet u tweġibiet fl-istħarriġ jidhru fil-***Kaxxa 1***.

**Kaxxa 1**

### Silta mill-istħarriġ tal-Ewrobarometru

Mistoqsija: Taħt ir-regoli tal-Politika Agrikola Komuni (PAK), il-pagamenti għall-bdiewa huma marbutin mar-rekwiżiti biex jikkonformaw mar-regoli għall-ambjent, is-sikurezza alimentari u t -trattament xieraq tal-annimali (hekk imsejħa "kundizzjonalità"). Kemm li huwa ġġustifikat jew mhuwiex iġġustifikat li jitnaqqsu l-pagamenti ta' sussidji għall-bdiewa li ma jirrispettawx l-Istandards tas-Sikurezza Alimentari, l-Istandards Ambjentali, l-Istandards tat-Trattament Xieraq tal-Annimali?

Tweġibiet proposti: Totalment iġġustifikat; Kemxejn iġġustifikat; Kemxejn mhux iġġustifikat; Totalment mhux iġġustifikat; Ma nafx.

Eżitu tal-istħarriġ: Aktar minn erbgħa minn fost ħames wiġġieba tal-UE qiesu li huwa "ġġustifikat" li jitnaqqsu l-pagamenti ta' sussidji għall-bdiewa jekk ma jirrispettawx ir-regoli (li wieġbu jew "Totalment iġġustifikat" jew inkella "Kemxejn iġġustifikat"). L-opinjoni pubblika minn meta sar l-istħarriġ preċedenti f'Novembru 2007 baqgħet stabbli.

*Sors:* L-istħarriġ tal-Ewrobarometru tal-Kummissjoni.

24
L-indikatur ma jipprovdix informazzjoni dwar jekk il-konsistenza tal-PAK mar-regoli tal-kundizzjonalità tjibitx jew le. Huwa sempliċiment jirrifletti għażla ta' politika minn dawk mistħarrġa, mingħajr ma jiġu vvalutati r-riżultati reali tal-implimentazzjoni tal-kundizzjonalità.

25
Żewġ indikaturi oħra tar-riżultati: ir-rata ta' kontroll għall-KAAT[15] u l-proporzjon ta' mergħat permanenti jiġu wkoll irrappurtati mid-DĠ AGRI. L-ewwel indikatur ikejjel jekk l-Istati Membri kinux ikkonformaw mar-rata minima ta' kontrolli. Dan huwa unikament indikatur ta' konformità, mar-regolament, li fih innifsu, ma jkejjilx l-effettività tal-kundizzjonalità. It-tieni indikatur, li jkejjel il-perċentwal tal-art okkupata minn mergħat permanenti fi ħdan Stat Membru b'rabta mal-erja agrikola totali tiegħu, kellu żewġ dgħufijiet; huwa kien jirreferi biss għal aspett uniku wieħed ta' kundizzjonalità u ma enfasizzax b'mod speċifiki l-kontribut tal-kundizzjonalità, jiġifieri mergħat permanenti jistgħu jinżammu b'riżultat ta' sensiela ta' fatturi, li wieħed minnhom biss huwa l-kundizzjonalità.

### Is-sitwazzjoni għall-perjodu 2014–2020

26
Għall-perjodu 2014–2020, intużaw żewġ indikaturi[16] relatati direttament mal-kundizzjonalità: l-għadd ta' ettari li huma suġġetti għall-kundizzjonalità u s-sehem tal-pagamenti taħt il-PAK li huma suġġetti għall-kundizzjonalità. Dawn huma indikaturi kwantitattivi li jkejlu biss id-daqs tal-popolazzjonijiet li lejhom huma indirizzati (jiġifieri l-art agrikola u l-pagamenti taħt il-PAK), mhux l-effetti tal-kundizzjonalità.

27
Indikaturi oħra li jkopru oqsma influwenzati minn regoli tal-kundizzjonalità ġew iddefiniti fil-livell kumplessiv tal-PAK, bħall-indiċi tal-għasafar tal-art agrikola, il-kwalità tal-ilma, il-materja organika fil-ħamrija fir-raba' li jinħarat, l-erożjoni tal-ħamrija mill-ilma. Madankollu, ma kienx magħruf l-impatt speċifiku tal-kundizzjonalità waħidha fuq dawn l-indikaturi kumplessivi. Barra minn hekk, aspetti oħra mmirati mill-kundizzjonalità, bħas-sikurezza alimentari, l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali jew it-trattament xieraq tal-annimali, ma jiġu indirizzati minn ebda indikatur tal-impatt.

15 Kemm taħt il-PAK qabel l-2014 kif ukoll taħt il-PAK wara l-2014, ir-rata minima ta' kontroll għall-KAAT ġiet issettjata f'livell ta' 1 % tal-bdiewa.

16 L-Anness għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 834/2014.

## Il-valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-effettività tal-kundizzjonalità ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-livell tan-nuqqas ta' konformità mill-bdiewa

**28**
Il-Kummissjoni tiġbor ukoll *data* dwar kemm il-bdiewa jirrispettaw l-obbligi tagħhom ta' kundizzjonalità, permezz tal-istatistika ta' kontroll mibgħuta mill-Istati Membri. Madankollu, din l-informazzjoni ma tintużax bħala indikatur tal-prestazzjoni u ma tiġix immonitorjata bi tqabbil ma' miri predefiniti.

**29**
Ir-riżultati tal-awditi mill-Qorti[17] tal-legalità u r-regolarità matul l-erba' snin li għaddew (ara t-***Tabella 1***) u l-istatistika rrappurtata mill-awtoritajiet ta' kontroll tal-Istati Membri għall-bdiewa li ġew iċċekkjati fuq il-post (ara t-***Tabella 2***) urew livelli għoljin ta' ksur tal-istandards tal-kundizzjonalità.

17 Rigward il-kundizzjonalità, aħna ffukajna l-ittestjar tagħna fuq obbligi magħżula tal-KAAT (l-evitar tal-invażjoni minn veġetazzjoni mhux mixtieqa, iż-żamma ta' raba' mtarraġ, iż-żamma f'kundizzjoni veġetattiva tajba tal-imsaġar taż-żebbuġ u r-rispett tar-rati minimi tal-istokkjar tal-annimali jew tal-obbligi tal-ħsad) u tal-RSĠ (rekwiżiti għall-RSĠ li jirrigwarda d-Direttiva dwar in-Nitrati u l-RSĠ li jikkonċerna l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali) li għalihom setgħet tinkiseb evidenza u tintlaħaq konklużjoni fiż-żmien meta saru ż-żjarat tal-awditjar. Matul l-2011 u l-2012, l-ambitu tal-ittestjar għall-FAEŻR kien ikbar minn dak għall-FAEG, għaliex kien jinkludi l-KAAT u l-RSĠ kollha relatati mat-trattament xieraq tal-annimali. Barra minn hekk, għall-FAEG l-RSĠ relatati mal-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali ma ġewx ittestjati fl-2011 u fl-2012.

### Tabella 1 — Ir-riżultati tagħna rigward l-ittestjar tal-kundizzjonalità fuq kampjuni aleatorji ta' bdiewa

| Fond | Data | Sena Finanzjarja | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 |
| FAEG | Għadd ta' pagamenti li huma suġġetti għall-kundizzjonalità | 155 | 146 | 164 | 170 |
| | Għadd ta' każijiet li fihom instabu infrazzjonijiet | 22 | 24 | 44 | 46 |
| | Infrazzjonijiet (%) | 14 % | 16 % | 25 % | 27 % |
| FAEŻR | Għadd ta' pagamenti li huma suġġetti għall-kundizzjonalità | 73 | 75 | 61 | 64 |
| | Għadd ta' każijiet li fihom instabu infrazzjonijiet | 26 | 25 | 24 | 17 |
| | Infrazzjonijiet (%) | 36 % | 33 % | 39 % | 27 % |

*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

### Tabella 2 — Ksur tal-kundizzjonalità rrappurtat mill-Istati Membri abbażi ta' kontrolli mwettqa fuq taħlita ta' kampjuni, aleatorji u bbażati fuq ir-riskju, ta' bdiewa

| | Sena Finanzjarja | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 |
| Frekwenza tal-infrazzjonijiet (%) | 21 % | 20 % | 20 % | 25 % | 29 % |

*Sors:* L-istatistika tal-Istati Membri rigward il-kundizzjonalità.

## 30

Matul il-ħames snin li għaddew, żdied l-għarfien tal-bdiewa dwar l-obbligi tagħhom biex jirrispettaw ir-regoli tal-kundizzjonalità, kif indikat minn bejn wieħed u ieħor 90 % tal-Aġenziji tal-Pagamenti u l-Korpi Konsultattivi għall-Azjendi Agrikoli li stħarriġna. Madankollu, ir-rati ta' nuqqas ta' konformità jibqgħu għoljin, u kemm il-kontrolli mill-Istati Membri kif ukoll l-awditi proprji tagħna juru xejra li qed tikber.

## 31

Mill-2011 sal-2013, l-għadd totali ta' infrazzjonijiet identifikati mill-awtoritajiet ta' kontroll tal-Istati Membri baqgħu relattivament kostanti f'ammont ta' kważi 60 000 każ/kull sena fil-livell tal-UE, filwaqt li fl-2014 iċ-ċifra żdiedet bi kważi 20 % għal bejn wieħed u ieħor 70 000 każ ta' nuqqas ta' konformità (prinċipalment minħabba żieda fil-ksur tal-RSĠ relatati mad-Direttiva dwar in-Nitrati u mal-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-ħnieżer u l-bovini). Kif jidher fil-***Figura 2***, ħames oqsma prinċipali rrappreżentaw kważi 90 % tal-għadd totali ta' infrazzjonijiet u wrew ukoll l-ogħla frekwenza ta' nuqqas ta' konformità[18]. Dawn il-ħames oqsma jkopru total ta' 10 RSĠ u 4 KAAT.

18 Espressa bħala l-proporzjon tal-bdiewa fejn instabu infrazzjonijiet, imqabbel mal-għadd totali ta' bdiewa li sarulhom kontrolli.

**Figura 2**

### Oqsma fejn ir-regoli tal-kundizzjonalità jinkisru l-aktar ta' spiss




*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

## 32

Għall-akbar żewġ oqsma, il-***Figura 3*** turi fejn il-frekwenza tal-infrazzjonijiet fil-livell ta' standards / rekwiżiti individwali qabżet il-5 % fis-sena finanzjarja 2014:

Figura 3

**Frekwenza tal-infrazzjonijiet għall-akbar żewġ oqsma ta' nuqqas ta' konformità**




*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

## 33

L-analiżi tagħna turi wkoll li bosta standards ippreżentaw rati ta' infrazzjoni ta' inqas minn 1 %, bħal: l-RSĠ dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi u l-ħabitats naturali, l-istandards tal-KAAT dwar il-materja organika fil-ħamrija fir-raba', iż-żamma tal-istruttura tal-ħamrija u ż-żamma ta' karatteristiki tal-pajsaġġ.

## Il-Kummissjoni ma analizzatx ir-raġunijiet għall-ksur tal-kundizzjonalità u l-mezzi biex tindirizzahom

## 34

Id-DĠ AGRI janalizza l-informazzjoni fl-istatistika ta' kontroll fil-livell ta' kull entità relatriċi individwalment (provinċja / reġjun / gvern ċentrali) sabiex jiżgura li huma jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-UE, bħal, pereżempju, l-issodisfar tar-rata minima ta' kontroll ta' 1 % ssettjata fir-regolament. Huwa jwettaq ukoll awditi tal-konformità biex jiżgura li s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll stabbiliti mill-Istati Membri jikkonformaw mar-regoli applikabbli tal-UE. L-iskop ta' awditi ta' dan it-tip huwa li jipproteġu l-fondi li minnhom saru l-pagamenti taħt il-PAK, billi jiġi ċċekkjat jekk it-tnaqqis mill-Istati Membri tal-pagamenti għall-bdiewa jiġix applikat b'mod xieraq. Il-Kummissjoni tapplika korrezzjonijiet finanzjarji netti għall-Istati Membri li għandhom sistemi li fihom defiċjenzi.

35
Id-DĠ AGRI ma janalizzax iċ-ċifri dwar il-ksur tal-kundizzjonalità fil-livell tal-UE, u lanqas ma jwettaq awditi sabiex jidentifika l-istandards li jinkisru l-aktar ta' spiss, il-kawżi potenzjali għall-infrazzjonijiet u s-soluzzjonijiet possibbli għar-rimedjar tas-sitwazzjoni. Id-Direttorati Ġenerali l-oħra tal-Kummissjoni li huma responsabbli għall-politiki li fuqhom huma bbażati l-RSĠ ma jwettqux analiżijiet ta' dan it-tip, lanqas. Pereżempju, id-Direttorat Ġenerali għall-Ambjent (id-DĠ ENV), li huwa responsabbli għal politiki bħal dik tad-Direttiva dwar in-Nitrati, iddikjara li d-dipartimenti tagħhom ma rċevewx l-istatistika dwar il-kontrolli mwettqa mill-Istati Membri, u għalhekk id-DĠ ENV ma setax jieħu, u ma ħax, xi miżuri ta' segwitu f'dan ir-rigward. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tiċċekkja biss l-aspetti finanzjarji, mingħajr ma tanalizza l-impatt tal-kundizzjonalità fuq l-għanijiet ta' politika ta' bażi għall-ambjent, is-sikurezza alimentari, is-saħħa tal-annimali u t-trattament xieraq tal-annimali.

36
Sa Lulju 2016, il-Kummissjoni ma kinitx wettqet evalwazzjonijiet fir-rigward tar-raġunijiet għalfejn ir-regoli setgħu nkisru, jew tal-mezzi ta' prevenzjoni ta' sitwazzjonijiet ta' dan it-tip fil-futur[19]. Evalwazzjonijiet ta' dan it-tip jistgħu jiżvelaw ukoll informazzjoni utli bħall-ħtieġa li tiġi ssimplifikata aktar is-sistema ta' kundizzjonalità. Raġunijiet possibbli għan-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti ta' kundizzjonalità jistgħu jkunu dovuti jew għal nuqqas ta' fehim tar-regoli li xi drabi jkunu kumplessi (ara l-***Anness III***) jew għal nuqqas ta' inċentiv, peress li l-ispiża tal-kundizzjonalità tista' tkun sproporzjonata b'rabta mar-rata minima baxxa ta' kontroll ta' 1 % u l-livell ta' penali applikati[20].

## Is-sistema ta' ġestjoni u kontroll tal-kundizzjonalità tista' tiġi ssimplifikata aktar

37
Fit-tieni parti tar-rapport, aħna neżaminaw jekk ir-regoli u l-proċeduri ta' kontroll għall-kundizzjonalità kinux ġew issimplifikati, jekk l-iskema għall-bdiewa żgħar kisbitx tnaqqis ibbilanċjat fil-piż amministrattiv, jekk kienx hemm riskji li l-ekoloġizzazzjoni u l-kundizzjonalità jistgħu ma jkunux ikkoordinati tajjeb, jekk tkejlux l-ispejjeż tal-implimentazzjoni u jekk il-penali kinux qed jiġu implimentati b'mod konsistenti fl-UE kollha. L-istandards għall-eżaminar tagħna huma indikati fil-paragrafi 38 sa 40.

38
Fir-Rapport Speċjali Nru 8/2008 aħna kkonkludejna li l-qafas tal-cross compliance (kundizzjonalità) ħoloq diffikultajiet konsiderevoli, partikolarment minħabba fil-kumplessità tiegħu. Aħna rrakkomandajna li l-Kummissjoni tissimplifika l-qafas, b'mod partikolari billi tipprijoritizza l-ħtiġijiet (rekwiżiti) u l-istandards, u billi torganizzahom madwar l-elementi prinċipali ta' attività tal-biedja.

19 L-evalwazzjonijiet fil-livell tal-bdiewa, sa issa, ipprovdew biss informazzjoni rigward elementi tal-ispiża tal-kundizzjonalità, kif jidher fil-paragrafu 61.

20 Il-penali laħqu total ta' EUR 67.5 miljun fis-sena tat-talba 2014 kif indikat fir-Rapport Annwali tal-Attività tad-DĠ AGRI.

**39**
Jenħtieġ li l-ispejjeż tal-implimentazzjoni tal-kundizzjonalità jkunu proporzjonati għall-benefiċċji li huma mistennija mill-konformità tal-bdiewa mar-regoli applikabbli[21]. Meta jitressqu proposti riveduti jew ġodda (ta' nfiq), il-Kummissjoni għandha tistma l-kostijiet (spejjeż) u l-benefiċċji ta' sistemi ta' kontroll[22] b'rabta mal-objettivi li għandhom jintlaħqu.

**40**
Jenħtieġ ukoll li l-Kummissjoni tikkontribwixxi għall-promozzjoni ta' sistema sempliċi u armonizzata tal-penali fl-UE kollha biex tiżgura t-trattament indaqs u proporzjonat tal-bdiewa. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa[23] li tadotta atti delgati biex tistabbilixxi bażi armonizzata għall-kalkolu ta' pieni (penali) amministrattivi minħabba l-ksur tal-kundizzjonalità. Hija tista' toħroġ ukoll gwida interpretattiva għall-Istati Membri.

## Il-proċeduri ta' kontroll jibqgħu kumplessi

**41**
Għall-perjodu 2014–2020, il-lista ta' standards tnaqqset minn 15-il KAAT għal 7 KAAT (billi tneħħew is-7 standards volontarji preċedenti kollha u billi tneħħa standard obbligatorju wieħed) u minn 18 għal 13-il RSĠ (ara l-***Anness II***). Erbgħa mill-RSĠ li tneħħew kienu dawk li ma tqisux mill-Kummissjoni bħala li kienu rilevanti biżżejjed għall-attività tal-biedja. Dan huwa eżempju tajjeb ta' simplifikazzjoni tal-qafas tal-kundizzjonalità. Madankollu, l-ambitu tal-kundizzjonalità issa x'aktarx li jitkabbar. Id-"dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar it-tabelli dwar il-kundizzjonalità"[24] talbet li d-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u d-Direttiva dwar l-Użu Sostenibbli tal-Pestiċidi jsiru parti mill-kundizzjonalità ladarba jkunu ġew implimentati fl-Istati Membri kollha.

**42**
Fl-opinjoni tagħna dwar il-proposta tal-Kummissjoni rigward il-bidliet fil-PAK għall-perjodu 2014–2020[25], aħna esprimejna l-fehma li l-"lista ta' rekwiżiti għadha wisq imxerrda ma' bosta testi legali, mhijiex iffukata biżżejjed fuq rekwiżiti ewlenin u li l-għadd aktar baxx ta' standards fir-realtà ma jikkorrispondix ma' tnaqqis fil-livell ta' kumplessità ta' din il-politika".

21 Il-Premessa 57 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

22 L-Artikolu 33 tar-Regolament Finanzjarju.

23 Skont l-Artikolu 101 tar-Regolament Nru 1306/2013.

24 Id-dikjarazzjoni konġunta mehmuża mar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

25 L-Opinjoni Nru 1/2012 dwar ċerti proposti għal regolamenti dwar il-politika agrikola komuni għall-perjodu 2014-2020 (http://eca.europa.eu).

43
Mill-Korpi Konsultattivi għall-Azjendi Agrikoli li rrispondew għall-istħarriġ tagħna, 53 % qiesu li l-PAK għall-perjodu 2014–2020 ma ġabet magħha ebda bidla sinifikanti fis-sistema ta' kundizzjonalità, filwaqt li 28 % minnhom qiesu li s-sistema l-ġdida hija saħansitra aktar ikkumplikata. Barra minn hekk, inqas minn 10 % tal-Aġenziji tal-Pagamenti qiesu li l-bidliet fil-kundizzjonalità kellhom impatt moderat jew pożittiv ħafna fuq ir-riżorsi minfuqa f'oqsma bħal: il-kontrolli fuq il-post u l-kontrolli amministrattivi, is-sistema ta' sanzjonijiet u l-għoti ta' informazzjoni lill-bdiewa.

44
L-Aġenziji tal-Pagamenti u l-Korpi Konsultattivi għall-Azjendi Agrikoli rrispondew għall-istħarriġ tagħna billi qalu li r-raġuni prinċipali għalfejn il-bdiewa ma jikkonformawx mal-obbligi ta' kundizzjonalità hija li r-rekwiżiti huma kkumplikati wisq. L-assoċjazzjonijiet tal-bdiewa miżjura matul l-awditu kkonfermaw aktar din l-analiżi. Is-simplifikazzjoni tkun tista' tidher bħala soluzzjoni biex tiġi żgurata żieda fil-konformità mill-bdiewa mar-regoli l-aktar rilevanti, u għaldaqstant tikkontribwixxi għall-effettività tas-sistema. F'dan il-kuntest, matul l-awditu tagħna, l-Aġenziji tal-Pagamenti, il-Korpi Konsultattivi għall-Azjendi Agrikoli u l-assoċjazzjonijiet tal-bdiewa affermaw li hemm ħtieġa għal aktar simplifikazzjoni tas-sistema ta' kundizzjonalità u ressqu proposti konverġenti (ara l-***Anness III*** għal aktar dettalji).

45
Il-kumplessità kienet ukoll dovuta għal-livell ta' dettall tar-regoli applikabbli. Il-***Kaxxa 2*** tagħti eżempju tar-rekwiżiti dettaljati ta' kundizzjonalità fl-Istati Membri. Filwaqt li regoli dettaljati jistgħu jiġu ġġustifikati biex jittieħdu inkunsiderazzjoni diversi sitwazzjonijiet ambjentali, il-bdiewa għandhom ir-riskju li jsibu diffikultajiet biex japplikawhom korrettement u l-aġenziji tal-pagamenti għandhom ir-riskju li jsibu diffikultajiet biex jiċċekkjawhom.

46
Fir-Renju Unit – l-Irlanda ta' Fuq, aħna qabbilna l-għadd ta' punti ta' kontroll inklużi fil-listi ta' kontroll fuq il-post għall-kundizzjonalità użati mill-awtoritajiet ta' kontroll għall-PAK sal-2013 u wara, u sibna li l-bdiliet fil-PAK għall-perjodu 2014-2020 kellhom impatt limitat fuq l-għadd ta' punti ta' kontroll (ara l-***Kaxxa 3***). Matul l-intervisti, l-awtoritajiet fiż-żewġ Stati Membri miżjura l-oħra kkonfermaw li l-bidliet fil-kundizzjonalità għall-perjodu 2014-2020 ma skattawx tnaqqis sinifikanti fl-għadd ta' punti ta' kontroll.

Kaxxa 2

### Eżempji ta' rekwiżiti li kienu inklużi fil-manwal ta' kontroll tal-kundizzjonalità fir-Renju Unit – l-Irlanda ta' fuq

Mill-40 punt ta' kontroll tal-kundizzjonalità, 3 li jirriżultaw mill-RSĠ dwar id-Direttiva dwar in-Nitrati jidhru fil-lista ta' kontroll tal-ispetturi bil-mistoqsija 3.1.12, u huma maqsuma fi tliet submistoqsijiet, li jinqraw hekk:

3.1.12. Id-demel organiku (inkluż l-ilma maħmuġ) ġie applikat fi ħdan: 10 m ta' kwalunkwe passaġġ fuq l-ilma li mhuwiex lag*; 20 m ta' lagi; 50 m ta' spiera, nixxiegħa jew bir; 250 m ta' spiera użata għall-provvista pubblika tal-ilma; 15 m ta' karatteristiki mikxufa tal-ġebla tal-ġir kbar u fondi jew karstifikati? (*Ara l-Gwida tal-Ispetturi)

3.1.12a. Fuq il-bwar b'inklinazzjoni medja ta' aktar minn 15 % u fuq kwalunkwe art oħra b'inklinazzjoni medja ta' aktar minn 12 % ġie applikat demel organiku (inkluż ilma maħmuġ) fi ħdan 30 m ta' lag jew fi ħdan 15 m ta' kwalunkwe passaġġ fuq l-ilma li mhuwiex lag (*Ara l-Gwida tal-Ispetturi)

3.1.12b. Fuq il-bwar b'inklinazzjoni medja ta' aktar minn 15 % u fuq kwalunkwe art oħra b'inklinazzjoni medja ta' aktar minn 12 % ġie applikat fertilizzant kimiku fi ħdan 10 m ta' lag jew fi ħdan 5 m ta' kwalunkwe passaġġ fuq l-ilma (*Ara l-Gwida tal-Ispetturi)

*Sors:* Aġenzija tal-Pagamenti tal-Irlanda ta' Fuq.

Kaxxa 3

### Impatt limitat tal-bidliet fil-PAK għall-perjodu 2014 – 2020 fuq il-listi ta' kontroll użati mill-awtoritajiet ta' kontroll fir-Renju Unit – l-Irlanda ta' Fuq

L-għadd ta' punti ta' kontroll għal ambitu sħiħ ta' spezzjoni tal-kundizzjonalità kien ta' 257 għall-PAK sal-2013 u ta' 249 għall-PAK wara l-2014.

Għall-KAAT, l-għadd ta' punti ta' kontroll żdied minn 19 għal 27 fiż-żewġ perjodi mqabbla.

*Sors:* Aġenzija tal-Pagamenti tal-Irlanda ta' Fuq.

**47**

Matul il-kontrolli fuq il-post, iridu jiġu ċċekkjati l-obbligi kollha li jirrigwardaw l-istandards tal-KAAT u r-rekwiżiti tal-RSĠ li għalihom ikunu ntgħażlu l-bdiewa. Kif imsemmi hawn fuq, dawn il-kontrolli ta' spiss jinkludu mijiet ta' punti ta' kontroll fid-diversi listi ta' kontroll. Anke jekk is-sistemi ta' kontroll kienu effettivi, il-qafas leġiżlattiv[26] ma jkunx jippermetti l-adozzjoni ta' approċċ aktar immirat, li jkun ibbażat fuq ir-riskju, li skontu ċerti regoli jew punti ta' kontroll ikunu jistgħu jiġu ċċekkjati aktar ta' spiss jew inqas ta' spiss billi jittieħed kont, pereżempju, tal-livell ta' infrazzjonijiet, il-probabbiltà li jkun hemm infrazzjoni, jew il-kobor tal-effetti ta' infrazzjoni potenzjali.

26 Ara l-Artikolu 71 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 809/2014 tas-17 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll, tal-miżuri tal-iżvilupp rurali u tal-kundizzjonalità.

### L-Iskema għall-Bdiewa Żgħar naqqset il-piż amministrattiv, iżda dan jista' jaffettwa l-ilħuq tal-objettivi tal-kundizzjonalità f'xi Stati Membri

**48**
Il-PAK għall-perjodu 2014–2020 introduċiet l-Iskema għall-Bdiewa Żgħar (SFS) bħala skema ssimplifikata ta' pagament dirett li tagħti sa EUR 1 250 bħala għajnuna diretta lil dawk il-bdiewa li jiddeċiedu li jipparteċipaw fl-iskema. Kienu 15-il Stat Membru li ddeċidew li jimplimentaw din l-iskema fakultattiva. Għal dawn il-pajjiżi, l-għadd ta' bdiewa li qed jipparteċipaw f'din l-iskema jvarja bejn 3 % (is-Slovenja) u 77 % (Malta). Il-Kummissjoni kkalkulat li, fil-livell kumplessiv tal-UE, l-SFS tkopri 4 % tal-erja agrikola totali.

**49**
Il-benefiċjarji tal-SFS mhumiex suġġetti għall-applikazzjoni ta' penali amministrattivi jekk ma jissodisfawx l-obbligi ta' kundizzjonalità[27]. Għalhekk, huma ma għandhomx ir-riskju li jitnaqqsulhom il-pagamenti tagħhom taħt il-PAK tagħhom minħabba ksur tar-regoli tal-kundizzjonalità. Din l-eżenzjoni mill-kundizzjonalità hija ġġustifikata mill-fatt li għal "bdiewa li jipparteċipaw fl-iskema għal bdiewa żgħar (…) l-isforzi li għandhom isiru skont is-sistema ta' kundizzjonalità jistgħu jitqiesu li jeċċedu l-benefiċċju li dawk il-bdiewa jinżammu f'dik is-sistema"[28].

**50**
Din il-miżura għandha wkoll il-potenzjal li tnaqqas l-ispejjeż tal-implimentazzjoni, l-immaniġġjar u l-kontroll tal-kundizzjonalità: mit-12-il Aġenzija tal-Pagamenti, 10 indikaw l-SFS bħala s-sors prinċipali tal-iffrankar u stmaw li l-PAK għall-perjodu 2014–2020 se twassal għal tnaqqis fl-ispejjeż. Dan il-messaġġ ġie mtenni mill-Aġenziji tal-Pagamenti fit-tliet Stati Membri miżjura.

**51**
L-SFS hija pass lejn is-simplifikazzjoni li jtaffi piżijiet addizzjonali minn fuq dahar l-amministrazzjonijiet u l-bdiewa, u li fl-istess ħin iwassal għal iffrankar tal-ispejjeż. Madankollu, jenħtieġ li l-implimentazzjoni tagħha fil-livell ta' kull Stat Membru u tiġi ggwidata mill-ħtieġa li jiġi żgurat bilanċ xieraq bejn is-simplifikazzjoni amministrattiva u l-ilħuq tal-objettivi tal-kundizzjonalità u l-leġiżlazzjoni settorjali. Jeżistu differenzi bejn l-Istati Membri jew bejn ir-reġjuni. Pereżempju, fir-Rumanija l-bdiewa żgħar jirrappreżentaw madwar 71 % tal-bdiewa u 16 % tal-erja totali kklejmjata. B'kuntrast ma' dan, fis-Slovenja, l-għadd totali ta' bdiewa żgħar huwa madwar 3 % u l-erja koperta minn din l-iskema hija biss 1 %.

27 Skont l-Artikolu 92 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

28 Skont il-Premessa 57 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

52
Għalkemm ma applikatx l-SFS, il-Litwanja segwiet prinċipji simili billi eskludiet bdiewa taħt ċertu soll mill-applikazzjoni ta' regoli speċifiċi tal-kundizzjonalità. Il-***Kaxxa 4*** turi r-riskji potenzjali marbuta mal-applikazzjoni ta' miżuri ta' simplifikazzjoni ta' dan it-tip.

Kaxxa 4

### Eżenzjoni ta' bdiewa minn obbligi ta' kundizzjonalità relatati mad-Direttiva dwar in-Nitrati fil-Litwanja

Bdiewa li għandhom erja agrikola utilizzata ta' 10 ettari jew inqas ma għandhomx għalfejn jiddikjaraw il-livell tagħhom tal-użu ta' fertilizzanti. Dawn il-bdiewa jirrappreżentaw aktar minn 70 % tal-bdiewa kollha u jużaw 14 % tal-erja agrikola.

Fl-istess ħin, bdiewa li jżommu inqas minn 10 unitajiet ta' bhejjem f'post wieħed ma għandhomx għalfejn ikollhom faċilità ta' ħżin għad-demel tal-kapaċità rilevanti. Dan il-bdiewa jikkostitwixxu 87 % tal-bdiewa kollha li jżommu l-bhejjem, u huma jżommu 28 % tal-unitajiet ta' bhejjem.

Id-Direttiva dwar in-Nitrati hija intenzjonata biex tipproteġi l-ambjent u s-saħħa taċ-ċittadini. Filwaqt li l-użu ta' sollijiet jista' jnaqqas il-burokrazija żejda għall-bdiewa li huma iżgħar, l-esklużjoni tal-partijiet sinifikanti tal-art tal-bdiewa u/jew tal-annimali minn kontrolli tal-kundizzjonalità tista' taffettwa ħażin l-ilħuq tal-objettivi tad-Direttiva dwar in-Nitrati.

*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri – ir-Rapport Annwali 2015 – il-Figura 7.10.

## L-ekoloġizzazzjoni introduċiet saff addizzjonali ta' kontrolli għal prattiki obbligatorji li jirrispettaw l-ambjent

53
Wieħed mill-objettivi tal-PAK il-ġdida huwa t-titjib tal-prestazzjoni ambjentali permezz ta' komponent ta' "titjib ekoloġiku" (ekoloġizzazzjoni) obbligatorju ta' pagamenti diretti li jappoġġa prattiki agrikoli li jkunu ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent, applikabbli fl-Unjoni kollha[29]. Dawk il-prattiki jinkludu d-diversifikazzjoni tal-għelejjel, il-manutenzjoni ta' bwar permanenti u l-istabbiliment ta' erjas b'fokus ekoloġiku. Rata ta' 30 % tal-limitu massimu nazzjonali annwali li għandha titħallas fil-forma ta' dan il-pagament ta' ekoloġizzazzjoni għal kull ettaru eliġibbli[30].

54
Għall-perjodu 2014–2020, ġie introdott pagament ġdid ta' ekoloġizzazzjoni fil-PAK. Il-prattiki tal-biedja taħt l-ekoloġizzazzjoni għandhom similaritajiet mal-istandards preċedenti tal-KAAT li koprew prattiki agrikoli bħan-newba tal-għelejjel, il-protezzjoni ta' mergħat permanenti, jew iż-żamma ta' karatteristiki tal-pajsaġġ. Għaldaqstant, għall-perjodu 2014–2020 hemm żewġ settijiet ta' prattiki agrikoli kumplementari li għandhom l-istess objettivi fil-mira: il-manutenzjoni tal-art u l-protezzjoni tal-bijodiversità.

29 Il-Premessa 37 tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 608).

30 L-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013.

55

Fir-Rapport Annwali tal-Attività 2014 tiegħu, id-DĠ AGRI spjega li dawn iż-żewġ strumenti obbligatorji – l-ekoloġizzazzjoni u l-KAAT – jikkontribwixxu għall-istess objettiv: Għalhekk, il-PAK tkun tista' ttejjeb il-prestazzjoni ambjentali tagħha billi tiżgura li parti sostanzjali tal-erja agrikola fl-Ewropa tkun affettwata minn rekwiżiti ta' kundizzjonalità, obbligi ta' "ekoloġizzazzjoni" kif ukoll impenji agroambjentali.

56

Kontrolli fuq il-post għall-ekoloġizzazzjoni jitwettqu fuq kampjun ta' 5 % ta' bdiewa bħala parti mill-verifikazzjonijiet li jirrigwardaw il-kriterji ta' eliġibbiltà għall-iskemi ta' pagament dirett[31], f'sistema barra mill-qafas ta' kontroll għall-KAAT, li tivverifika kampjun ta' 1 % tal-bdiewa suġġetti għall-kontrolli tal-kundizzjonalità[32]. B'riżultat ta' dan, il-konformità ma' prattiki ta' benefiċċju għall-ambjent li jkunu kumplementari u obbligatorji tiġi ċċekkjata fi ħdan żewġ oqfsa differenti.

57

Taħt l-ekoloġizzazzjoni, il-bdiewa jridu jikkonformaw mal-obbligu li jkollhom mill-inqas 5 % tar-raba' li jinħarat, tal-azjenda agrikola bħala Erjas b'Fokus Ekoloġiku. Ir-regolament jipprovdi wkoll li elementi protetti ta' kundizzjonalità (bħal karatteristiki tal-pajsaġġ jew strixxi ta' art ta' lqugħ) jistgħu jgħoddu wkoll biex jissodisfaw dan l-obbligu. Għalhekk, dawn jiġu mmaniġġjati taħt żewġ settijiet differenti ta' regoli u kontrolli.

58

Għaldaqstant, bl-introduzzjoni tal-ekoloġizzazzjoni, issa hemm żewġ sistemi ta' kontroll għal prattiki obbligatorji li jirrispettaw l-ambjent li jikkumplementaw lil xulxin u jikkontribwixxu għall-istess objettiv ta' titjib tal-prestazzjoni ambjentali tal-PAK. Filwaqt li lr-regolament dwar il-kundizzjonalità jiddikjara li l-Istati Membri jistgħu jużaw sistemi ta' kontroll eżistenti biex jiċċekkjaw l-obbligi ta' kundizzjonalità[33], hemm riskji ta' ineffiċjenzi fis-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri u ta' piżijiet addizzjonali fuq il-bdiewa.

31 It-Titolu III tar-Regolament (UE) Nru 809/2014.

32 It-Titolu V tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 809/2014.

33 L-Artikolu 96 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

## L-ispejjeż speċifiċi assoċjati mal-implimentazzjoni tal-kundizzjonalità mhumiex ikkwantifikati biżżejjed

**59**

Il-Kummissjoni teħtieġ stima affidabbli tal-ispiża kumplessiva tal-kundizzjonalità, li taggrega l-partijiet interessati prinċipali involuti (l-istituzzjonijiet tal-UE, l-awtoritajiet ta' ġestjoni u kontroll tal-Istati Membri, u l-bdiewa) sabiex tiżgura li s-sistema tkun kosteffettiva.

**60**

Id-DĠ AGRI stama li l-ispejjeż totali tal-immaniġġjar u l-kontroll tan-nefqa agrikola huma viċin l-EUR 4 biljun jew bejn wieħed u ieħor 7 % tal-finanzjament totali mill-UE[34]. Madankollu, għal dak li jrrigwarda l-kundizzjonalità, l-ispejjeż mhumiex ikkwantifikati u ma jeżistux stimi affidabbli.

**61**

Fil-livell tal-Istati Membri, hemm spejjeż sinifikanti li jirriżultaw mir-rekwiżiti tas-sistema ta' kontroll tal-kundizzjonalità. L-ewwel nett, jinħtieġu kontrolli għall-KAAT, li huma sett addizzjonali ta' regoli li huma applikabbli biss għal bdiewa li jibbenefikaw minn pagamenti taħt il-PAK. It-tieni nett, b'rabta mal-RSĠ, li huma bbażati fuq direttivi u regolamenti eżistenti ("leġiżlazzjoni settorjali")[35], il-korpi speċjalizzati ta' kontroll iridu jiċċekkjaw rata minima ta' kontroll ta' 1 % li hija meħtieġa taħt ir-regoli tal-kundizzjonalità u jkollhom obbligi addizzjonali ta' rappurtar b'rabta ma' dawn il-kontrolli.

**62**

Fil-livell tal-azjendi agrikoli, l-introduzzjoni tal-RSĠ ħolqot aktar obbligi amministrattivi għall-bdiewa, bħaż-żamma ta' rekords u l-parteċipazzjoni fi spezzjonijiet tal-kundizzjonalità[36]. Barra minn hekk, il-konformità mal-KAAT timplika spejjeż li jikkonċernaw il-prattiki agrikoli meħtieġa (spejjeż lavorattivi, spejjeż tal-makkinarju, tal-fjuwil u ta' affarijiet konsumibbli oħra), l-introjtu li ntilef minħabba li l-KAAT jipprojbixxu jew jimponu ċerti prattiki (eż. it-tnaqqis fir-rendiment), iżda wkoll spejjeż oħra bħall-użu ta' fornituri ta' servizzi ta' partijiet terzi (eż. konsulenti għal ċerti suġġetti ta' kundizzjonalità).

**63**

Rapport ikkummissjonat mid-DĠ AGRI[37] u ppubblikat fl-2014 ivvaluta l-ispejjeż reali li l-bdiewa tal-UE ġarrbu sabiex jikkonformaw ma' leġiżlazzjoni magħżula fl-oqsma tal-ambjent, it-trattament xieraq tal-annimali u s-sikurezza alimentari. L-istudju nbena fuq studji tal-każijiet mit-tmien setturi agrikoli l-aktar rappreżentattivi fl-UE. Huwa jagħti indikazzjoni tal-impatt finanzjarju li obbligi ta' dan it-tip għandhom fuq il-bdiewa (ara l-***Kaxxa 5*** għal sommarju tar-riżultati għas-settur tal-qamħ).

34 Ir-Rapport Annwali tal-Attività 2014 tad-DĠ AGRI.

35 Pereżempju: Id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1); ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-bhejjem tal-fart u dwar it-tikkettjar tal-laħam taċ-ċanga u tal-prodotti tal-laħam taċ-ċanga u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 820/97 (ĠU L 204, 11.8.2000, p. 1).

36 Il-Premessa 57 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013: Is-sistema ta' kundizzjonalità timplika ċerti limitazzjonijiet amministrattivi kemm għal benefiċjarji kif ukoll għal amministrazzjonijiet nazzjonali minħabba li għandha tiġi żgurata ż-żamma ta' rekords, għandhom isiru kontrolli u għandhom jiġu applikati pieni (penali) fejn ikun meħtieġ.

37 "Assessing farmers' cost of compliance with EU legislation in the fields of environment, animal welfare and food safety" (Valutazzjoni tal-ispiża tal-kundizzjonalità mill-bdiewa mal-leġiżlazzjoni tal-UE fl-oqsma tal-ambjent, tat-trattament xieraq tal-annimali u tas-sikurezza alimentari) (AGRI-2011-EVAL-08). Studju mwettaq minn: CRPA - Centro Ricerche Produzioni Animali (IT), f'assoċjazzjoni ma': TI - Thünen Institute of Farm Economics (DE), IFCN - International Farm Comparison Network on Dairy (DE), UGHENT – l-Università ta' Ghent (BE).

Kaxxa 5

## L-impatt li l-kundizzjonalità ma' obbligi magħżula għandha fuq l-ispejjeż tal-produzzjoni fis-settur tal-qamħ

Mill-ambitu sħiħ tal-kundizzjonalità li huwa applikabbli sal-2013, l-istudju għas-settur tal-qamħ ħa inkunsid-erazzjoni l-effetti kumulattivi ta' ħames KAAT obbligatorji (il-kopertura minima tal-ħamrija, il-ġestjoni tal-artijiet, l-istabbiliment ta' strixxi ta' art ta' lqugħ u l-evitar tal-invażjoni minn veġetazzjoni mhux mixtieqa, u ż-żamma ta' karatteristiki tal-pajsaġġ), KAAT fakultattiva waħda (in-newba tal-għelejjel) u l-leġiżlazzjoni li fuqha huma bbażati żewġ RSĠ(id-Direttiva dwar in-Nitrati u r-Regolament dwar il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti). Ittieħed ukoll inkunsiderazzjoni rekwiżit ieħor barra mill-ambitu tal-kundizzjonalità: id-Direttiva dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi.

L-awturi tal-istħarriġ ikkonkludew li l-azzjonijiet li ttieħdu mill-bdiewa biex jiżguraw konformità mar-regoli msemmija hawn fuq ikunu jżidu l-ispejjeż tal-produzzjoni b'ammonti li jvarjaw minn 1.97 % fl-Ungerija għal 3.42 % fid-Danimarka.

**64**
Barra minn hekk, fil-fehma tal-maġġoranza tal-Aġenziji tal-Pagamenti, il-bidliet fil-PAK għall-perjodu 2014 – 2020 x'aktarx li mhumiex se jwasslu għal tnaqqis fl-ispejjeż. Għall-mistoqsija fl-istħarriġ jekk dawn il-bidliet humiex se jwasslu għal spejjeż aktar baxxi, simili jew ogħla għall-implimentazzjoni, l-immaniġġjar u l-kontroll tal-obbligi ta' kundizzjonalità, ir-risposti tal-Aġenziji tal-Pagamenti kienu:

Figura 4

## L-istima, mill-Aġenziji tal-Pagamenti, tal-impatt tal-bidliet fil-PAK 2014–2020 fuq is-sistema tagħhom ta' ġestjoni u kontroll tal-kundizzjonalità




*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

## Il-bażi għall-kalkolu ta' penali relatati mal-kundizzjonalità għall-bdiewa fl-UE kollha mhijiex armonizzata biżżejjed

65
Il-leġiżlazzjoni tal-UE tistipula li fejn bidwi ma jikkonformax mar-regoli tal-kundizzjonalità, jenħtieġ li tiġi imposta penali amministrattiva jekk in-nuqqas ta' konformità jirriżulta minn att jew ommissjoni li tista' tiġi attribwita direttament għall-benefiċjarju. Dawn il-penali għandhom jiġu stabbiliti wara li jiġi kkunsidrat il-prinċipju ta' proporzjonalità (iggradati skont kemm ikun serju n-nuqqas ta' konformità[38] u kkalkulati bħala perċentwal fuq il-pagament taħt il-PAK) u għandhom jiġu applikati biss fejn in-nuqqas ta' konformità jista' jiġi attribwit għall-azzjonijiet tal-bidwi, imwettqa b'mod negliġenti jew intenzjonat.

66
Meta jiġu kkalkulati dawk il-penali, jenħtieġ li jittieħed kont tas-severità, tal-firxa, tal-permanenza u tar-rikorrenza tan-nuqqas ta' konformità misjub. Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità minħabba negliġenza, it-tnaqqis massimu huwa ta' 5 % u, fil-każ ta' rikorrenza, 15 %. Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità intenzjonali, hemm tnaqqis minimu ta' 20 % u dan jista' jwassal għal esklużjoni totali minn skema waħda jew bosta ta' għajnuna għal sena kalendarja waħda jew aktar.

67
Aħna sibna li l-applikazzjoni konkreta tal-kunċett ta' nuqqas ta' konformità intenzjonali żżid inċertezzi sinifikanti fil-livell tal-Istati Membri. Ir-rappreżentanti tal-Aġenziji tal-Pagamenti u l-assoċjazzjonijiet tal-bdiewa fit-tliet Stati Membri miżjura indikaw li l-prova tal-intenzjonalità hija diffiċli li tiġi sostnuta, dment li l-bidwi ma jinqabadx "fil-fatt".

68
L-analiżi tal-istatistika ta' kontroll għall-kundizzjonalità turi li xi Stati Membri kienu aktar stretti minn oħrajn fl-applikazzjoni tal-kunċett ta' nuqqas ta' konformità intenzjonali: ebda bidwi ma ġie ppenalizzat matul il-perjodu 2011–2014 għal infrazzjonijiet intenzjonali f'ċerti Stati Membri (ir-Repubblika Ċeka, il-Bulgarija), jew ftit li xejn minnhom ġew ippenalizzati (ir-Rumanija, il-Portugall, l-Ungerija), filwaqt li Stati Membri oħra użaw dan il-kunċett ħafna aktar ta' spiss (il-Litwanja, il-Greċja, il-Polonja, Franza, l-Irlanda).

38 Il-Premessa 35 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 640/2014 tal-11 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll u l-kundizzjonijiet għar-rifjut jew l-irtirar ta' pagamenti u penali amministrattivi applikabbli għall-pagamenti diretti, l-appoġġ għall-iżvilupp rurali u l-kundizzjonalità (ĠU L 181, 20.6.2014, p. 48).

## 69

Biex jiġi eżaminat il-mod kif l-istess tipi ta' nuqqas ta' konformità jiġu vvalutati mill-Istati Membri, l-istħarriġ li bgħattna lill-Aġenziji tal-Pagamenti kien fih żewġ studji tal-każijiet dwar l-infrazzjonijiet relatati mal-RSG dwar l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-ifrat, u d-Direttiva dwar in-Nitrati (it-test sħiħ tal-istudji tal-każijiet huwa inkluż fl-***Anness IV***). L-Aġenziji tal-Pagamenti ntalbu jikkwantifikaw il-perċentwal tal-penali li jiġu applikati, kieku, f'dawn iż-żewġ stuudji tal-każijiet. Il-***Kaxxa 6*** turi sommarju tal-istudji tal-każijiet ippreżentati u r-risposti riċevuti.

Kaxxa 6

### Studji tal-każijiet li jirrigwardaw il-penali applikati fl-Istati Membri

**Sommarju tal-istudji tal-każijiet proposti lill-Istati Membri**

Matul is-sena kalendarja, il-bidwi bagħat notifika tardiva tar-reġistrazzjoni tal-annimali għal 20 ras ifrat. Il-bidwi kellu medja ta' 75 ras ifrat matul is-sena.

Matul il-kontrolli fuq il-post, l-ispetturi kkalkulaw li l-kapaċità ta' ħżin għad-demel tal-bidwi kienet 10 % inqas mill-minimu meħtieġ.

**Għadd ta' Aġenziji tal-Pagamenti li japplikaw kull wieħed mill-perċentwali possibbli ta' tnaqqis**







"Ebda Risposta" tindika li bosta Aġenziji tal-Pagamenti ma kkwantifikawx l-infrazzjoni.

*Sors:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

**70**
Għaldaqstant, għall-istess infrazzjoni ta' 20 ras ifrat mhux irreġistrati fi żmien dovut, kieku kważi nofs l-Istati Membri japplikaw penali ta' 3 %, filwaqt li wieħed minn kull ħames Stati Membri japplikaw penali ta' 1 %, u dawk li jifdal japplikaw tnaqqis jew ta' 0 % jew inkella ta' 5 %. Kapaċità insuffiċjenti ta' ħżin għad-demel, kieku, tiġi ppenalizzata f'rata ta' 1 % minn kważi nofs l-Istati Membri, filwaqt li terz japplikaw penali ta' 3 %, filwaqt li fi Stat Membru wieħed minn sitta japplika penali penali jew ta' 0 % jew inkella ta' 5 %.

**71**
Barra minn hekk, il-fehim tas-severità ta' infrazzjoni kien ivarja sinifikattivament bejn l-Istati Membri, għalhekk hemm riskju li każijiet simili ma ġewx ittrattati bl-istess mod. Din is-sitwazzjoni ġiet ikkonfermata mir-regoli differenti, għal dak li jirrigwarda s-sanzjonijiet, stabbiliti fl-Istati Membri miżjura, kif jidher fil-***Kaxxa 7***.

**Kaxxa 7**

### Eżempju ta' penali għar-reġistrazzjoni tardiva tal-annimali

Fil-Ġermanja - Schleswig-Holstein, l-Aġenzija tal-Pagamenti stabbiliet li ebda penali ma għandha tiġi applikata għal reġstrazzjoni tardiva, jekk l-għadd ta' bovini kkonċernati mill-infrazzjoni jirrappreżenta inqas minn 30 % tal-għadd totali ta' bovini preżenti fl-azjenda agrikola.

Għall-kuntrarju ta' dan, fi Spanja (il-Katalonja), ma jeżisti ebda soll ta' dan it-tip.

# Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet



**72**
Il-kundizzjonalità ilha applikabbli mill-2005 'l hawn, bħala mekkaniżmu biex il-pagamenti taħt il-PAK jintrabtu mal-kornformità, mill-bdiewa, mar-regoli li jirriżultaw mill-politiki dwar l-ambjent, is-saħħa pubblika, is-saħħa tal-annimali, is-saħħa tal-pjanti u t-trattament xieraq tal-annimali. L-objettivi tal-kundizzjonalità kienu li tittejjeb il-konsistenza tal-PAK ma' dawk il-politiki (u għaldaqstant li twieġeb għall-aspettattivi tas-soċjetà) u li l-bdiewa jkollhom għarfien tal-ħtieġa li jirrispettaw dawk ir-regoli ( u għaldaqstant li jsir kontribut għall-iżvilupp ta' agrikoltura sostenibbli). L-iskop tar-rapport huwa li ssir valutazzjoni ta' kemm is-sistema ta' ġestjoni u kontroll tal-kundizzjonalità kienet effettiva u kemm tista' tiġi ssimplifikata aktar, u, fuq dik il-bażi, li jiġu offruti rakkomandazzjonijiet għattitjib tal-implimentazzjoni tal-kundizzjonalità fit-terminu medju u f'dak twil.

**73**
Aħna nikkonkludu li l-informazzjoni disponibbli ma ppermettietx lill-Kummissjoni tivvaluta b'mod adegwat l-effettività tal-kundizzjonalità. Minkejja l-bidliet li saru għall-PAK għall-perjodu 2014–2020, is-sistema ta' ġestjoni u kontroll tal-kundizzjonalità għadha tista' tiġi ssimplifikata.

**74**
Aħna sibna li l-indikaturi tal-prestazzjoni li ntużaw mill-Kummissjoni taw stampa parzjali tal-effettività tal-kundizzjonalità. L-indikaturi ma ħadux inkunsiderazzjoni l-livell tan-nuqqas ta' konformità mill-bdiewa (il-paragrafi 18 sa 27).

### Rakkomandazzjoni 1

Jenħtieġ li l-Kummissjoni teżamina, bħala parti mill-valutazzjoni tal-impatt għall-PAK wara l-2020, il-mod kif għandha tiżviluppa aktar is-sett ta' indikaturi tagħha biex tivvaluta l-prestazzjoni tal-kundizzjonalità u l-mod kif hija għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-livelli ta' konformità tal-bdiewa mar-regoli tal-kundizzjonalità fl-indikaturi tagħha.

**75**

Il-leġiżlatur stabbilixxa qafas tal-UE rigward il-kundizzjonalità. Il-Kummissjoni hija responsabbli għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tiegħu. L-Istati Membri kkonkretizzaw ir-regoli tal-UE f'obbligi fil-livell tal-bdiewa u vverifikaw jekk dawn l-obbligi ġewx irrispettati. Madankollu, kwart tal-bdiewa li ġew iċċekkjati fuq il-post matul is-snin finanzjarji 2011–2014 kienu kisru mill-inqas waħda mir-regoli, minkejja l-fatt li l-iskop ta' bażi tal-kundizzjonalità kien l-iżgurar tal-konsistenza tal-PAK ma' dawn ir-regoli. Il-Kummissjoni ma analizzatx ir-raġunijiet għall-infrazzjonijiet u l-mezzi biex tindirizzahom (il-paragrafi 28 sa 36).

## Rakkomandazzjoni 2

Jenħtieġ li l-Kummissjoni, minn issa 'l quddiem, ittejjeb il-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar l-infrazzjonijiet relatati mal-kundizzjonalità bejn is-servizzi kkonċernati sabiex tgħinhom jidentifikaw ir-raġunijiet għall-infrazzjonijiet u tieħu miżuri xierqa biex tindirizzahom.

**76**

Il-bidliet fil-PAK għall-perjodu 2014–2020 naqqsu kemxejn l-għadd tar-regoli tal-kundizzjonalità, billi neħħew rekwiżiti li ma kinux rilevanti biżżejjed għall-attività tal-biedja. Madankollu, il-proċeduri ta' kontroll jibqgħu kumplessi. Anke jekk is-sistemi ta' kontroll kienu effettivi, il-qafas leġiżlattiv ma jkunx jippermetti l-adozzjoni ta' approċċ aktar immirat, li jkun ibbażat fuq ir-riskju, li skontu ċerti regoli jew punti ta' kontroll ikunu jistgħu jiġu ċċekkjati aktar ta' spiss jew inqas ta' spiss billi jittieħed kont, pereżempju, tal-livell ta' infrazzjonijiet, il-probabbiltà li jkun hemm infrazzjoni, jew il-kobor tal-effetti ta' infrazzjoni potenzjali. Miżuri ta' simplifikazzjoni, bħall-iskema għall-bdiewa żgħar, li jtaffu piżijiet addizzjonali minn fuq dahar l-amministrazzjonijiet u l-bdiewa, jeħtieġ li jkunu bbilanċjati bi tqabbil man-neċessità li jintlaħqu l-objettivi tal-kundizzjonalità (il-paragrafi 41 sa 52).

## Rakkomandazzjoni 3

Għall-PAK wara l-2020, jenħtieġ li l-Kummissjoni tipproponi adattament tar-regoli rigward il-kontrolli fuq il-post għall-kundizzjonalità. Dan ikun jippermetti mmirar aktar effettiv tal-punti ewlenin ta' kontroll.

## 77

Għall-perjodu 2014–2020, ġie introdott pagament ġdid ta' ekoloġizzazzjoni fil-PAK. Il-prattiki tal-biedja taħt l-ekoloġizzazzjoni għandhom similaritajiet mal-istandards preċedenti tal-KAAT li koprew prattiki agrikoli bħan-newba tal-għelejjel, il-protezzjoni ta' mergħat permanenti, jew iż-żamma ta' karatteristiki tal-pajsaġġ. Konsegwentement, attwalment hemm żewġ settijiet ta' prattiki agrikoli kumplementari li għandhom fil-mira l-istess objettivi: il-manutenzjoni tal-art u l-protezzjoni tal-bijodiversità. Minkejja s-similaritajiet tagħhom, ir-regoli obbligatorji tal-KAAT u tal-ekoloġizzazzjoni jiġu ċċekkjati taħt żewġ sistemi ta' kontroll. Dan jista' jwassal għal ineffiċjenzi fis-sistemi ta' kontroll u għal piż amministrattiv addizzjonali (il-paragrafi 53 sa 58).

### Rakkomandazzjoni 4

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tanalizza bħala parti mill-valutazzjoni tal-impatt għall-PAK wara l-2020, l-esperjenza li jkun hemm żewġ sistemi li joperaw b'objettivi ambjentali simili (standards tal-KAAT u ekoloġizzazzjoni) bil-ħsieb li tippromwovi aktar sinerġija bejniethom. Jenħtieġ li din l-analiżi tieħu inkunsiderazzjoni kriterji bħall-impatt ambjentali tal-istandards u l-livell storiku ta' konformità mill-bdiewa.

## 78

L-ispejjeż tal-implimentazzjoni tal-kundizzjonalità mhumiex ikkwantifikati biżżejjed. Madankollu, ikun meħtieġ li jiġu vvalutati l-ispejjeż aggregati tal-kundizzjonalità fil-livell tal-Istati Membri tal-UE u fil-livell tal-bdiewa sabiex titfassal u tiġi implimentata politika kosteffettiva. Jenħtieġ li dan il-kalkolu jkun input importanti għal kwalunkwe bidla fil-politika, sabiex jiġi żgurat li ma jiġġarrbux spejjeż sproporzjonati mit-tentattiv ta' kisba tar-riżultati intenzjonati, jew li ma jitqisux l-istrumenti alternattivi li jkunu jipprovdu benefiċċju proporzjon kostijiet-benefiċċji aħjar (il-paragrafi 59 sa 64).

### Rakkomandazzjoni 5

Wara r-rapport dwar il-prestazzjoni tal-PAK li hu dovut sa tmiem l-2018, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżviluppa metodoloġija għall-kejl tal-ispejjeż tal-kundizzjonalità.

79
Penali għan-nuqqas ta' konformità jiġu kkalkulati fuq il-bażi tas-severità, tal-firxa, tal-permanenza u tar-rikorrenza tan-nuqqas ta' konformità li jkun instab, kif ukoll skont jekk il-bidwi kisirx ir-regoli b'mod negliġenti jew intenzjonat. Fil-prattika, aħna osservajna li l-applikazzjoni ta' penali kienet tvarja b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri (il-paragrafi 65 sa 71).

### Rakkomandazzjoni 6

Għall-PAK wara l-2020, jenħtieġ li l-Kummissjoni tħeġġeġ applikazzjoni aktar armonizzata tal-penali fil-livell tal-UE billi tikkjarifika aktar il-kunċetti tas-severità, tal-firxa, tal-permanenza, tar-rikorrenza u tal-intenzjonalità.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla I, immexxija mis-Sur Phil WYNN OWEN, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tas-7 ta' Settembru 2016.

*Għall-Qorti Ewropea tal-Awdituri*

Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA
*President*

Anness I

# L-ambitu tar-regoli tal-kundizzjonalità, skont l-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

L 347/602 MT Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea 20.12.2013

*ANNESS II*

**REGOLI DWAR IL-KONDIZZJONALITÀ SKONT L-ARTIKOLU 93**

RSĠ: Rekwiżit statutorju ta' ġestjoni

KAAT: Standards għal kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba tal-artijiet

| Qasam | Kwistjoni Ewlenija | Rekwiżiti u standards | | |
|---|---|---|---|---|
| Ambjent, tibdil fil-klima, kondizzjoni agrikola tajba tal-artijiet | Ilma | RSĠ 1 | Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1) | Artikoli 4 u 5 |
| | | KAAT 1 | L-istabbiliment ta' strixxi ta' lqugħ tul il-mogħdijiet tal-ilma (1) | |
| | | KAAT 2 | Fejn l-użu tal-ilma għat-tisqija huwa soġġett għal awtorizzazzjoni, konformità mal-proċeduri ta' awtorizzazzjoni | |
| | | KAAT 3 | Il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art mit-tniġġis: projbizzjoni ta' skariku dirett lejn l-ilma ta' taħt l-art u miżuri għall-prevenzjoni tat-tniġġis indirett tal-ilma ta' taħt l-art minn skariku fuq l-art u tnixxija gradwali mill-ħamrija ta' sustanzi perikolużi, kif elenkati fl-Anness għad-Direttiva 80/68/KEE fil-verżjoni tagħha fis-seħħ fl-aħħar jum tal-validità tagħha, sa fejn tirrigwarda l-attività agrikola | |
| | Ħamrija u ħażna ta' karbonju | KAAT 4 | Kopertura minima ta' ħamrija | |
| | | KAAT 5 | Ġestjoni minima ta' artijiet li tirrifletti kondizzjonijiet speċifiċi għas-siti biex tiġi limitata l-erożjoni | |
| | | KAAT 6 | Żamma ta' livell ta' materja organika tal-ħamrija permezz ta' prattiki adatti inkluża projbizzjoni fuq il-ħruq tal-qasbija fir-raba' tal-ħrit, ħlief għal raġunijiet tas-saħħa tal-pjanti (2) | |
| | Bijodiversità | RSĠ 2 | Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU L 20, 26.1.2010, p. 7) | Artikolu 3(1), Arti-kolu 3(2)(b), Artikolu 4 (1), (2) u (4) |
| | | RMS 3 | Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7) | Artikolu 6 (1) u (2) |
| | Pajsaġġ, livell minimu ta' żamma, | KAAT 7 | Żamma ta' karatteristiċi ta' pajsaġġ, inkluż fejn adatt, ħitan tal-ħaxix, għadajjar, fossijiet, siġar f'linji dritti, fi grupp jew iżolati, marġnijiet tal- għelieqi u l-artijiet imtarrġa, inkluż projbizzjoni fuq il-qtugħ ta' ħitan tal-ħaxix u siġar waqt l-istaġun tat-tgħammir u t-trobbija tal-għasafar u, bħala opzjoni, miżuri biex ikunu evitati speċijiet ta' pjanti invażivi | |
| Saħħa pubblika, saħħa tal-annimali u saħħa tal-pjanti | Sigurtà tal-ikel | RSĠ 4 | Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1) | Artikoli 14 u 15, l-Arti-kolu 17(1) (3) u l-Artikoli 18, 19 u 20 |

20.12.2013 MT Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 347/603

| Qasam | Kwistjoni Ewlenija | Rekwiżiti u standards | | |
|---|---|---|---|---|
| | | RSĠ 5 | Id-Direttiva tal-Kunsill 96/22/KE tad-29 ta' April 1996 li tikkonċerna l-projbizzjoni tal-użu fl-istockfarming ta' ċerti sustanzi li jkollhom azzjoni ormonika u tyrostatika u ta' beta-agonists, u li thassar id-Direttivi 81/602/KEE, 88/146/KEE u 88/299/KEE (ĠU L 125, 23.5.1996, p. 3) | Artikolu 3(a), (b), (d) u (e) u Artikoli 4, 5 u 7 |
| | Identifikazzjoni u reġistrazzjoni ta' annimali | RSĠ 6 | Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/71/KE tal-15 ta' Lulju 2008 dwar l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-ħnieżer (ĠU L 213, 8.8.2005, p. 31) | Artikoli 3, 4 u 5 |
| | | RSĠ 7 | Ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-bhejjem tal-fart u dwar it-tikkettjar tal-laħam taċ-ċanga u tal-prodotti tal-laħam taċ-ċanga u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 820/97 (ĠU L 204, 11.8.2000, p. 1) | Artikoli 4 u 7 |
| | | RSĠ 8 | Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 21/2004 tas-17 ta' Diċembru 2003 li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali ovini u kaprini u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1782/2003 u d-Direttivi 92/102/KEE u 64/432/KEE (ĠU L 5, 9.1.2004, p. 8) | Artikoli 3, 4 u 5 |
| | Mard tal-annimali | RSĠ 9 | Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered (ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1) | Artikoli 7, 11, 12, 13 u 15 |
| | Prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti | RSĠ 10 | Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1) | Artikolu 55, l-ewwel u t-tieni sentenza |
| Trattament xieraq tal-annimali | Trattament xieraq tal-annimali | RSĠ 11 | Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/119/KE tat-18 ta' Diċembru 2008 li tistabbilixxi standards minimi għall-protezzjoni tal-għoġiela (ĠU L 10, 15.1.2009, p. 7) | Artikoli 3 u 4 |
| | | RSĠ 12 | Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/120/KEE tad-18 ta' Diċembru 2008 li tistabbilixxi standards minimi għall-protezzjoni tal-majjali(ĠU L 47, 18.2.2009, p. 5) | Artikolu 3 u Artikolu 4 |
| | | RSĠ 13 | Id-Direttiva tal-Kunsill 98/58/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar il-ħarsien ta' annimali miżmuma għal skopijiet ta' biedja(ĠU L 221, 8.8.1998, p. 23) | Artikolu 4 |

(1) L-istrixxi ta' lqugħ KAAT għandhom jirrispettaw, kemm ġewwa kif ukoll barra ż-żoni vulnerabbli nnominati skont l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 91/676/KEE, tal-inqas ir-rekwiżiti relatati mal-kondizzjonijiet għall-applikazzjoni fuq l-art ta' fertilizzanti ħdejn mogħdijiet tal-ilma, imsemmija fil-punt A.4 tal-Anness II għad-Direttiva 91/676/KEE, li għandhom jiġu applikati f'konformità mal-programmi ta' azzjoni tal-Istati Membri stabbiliti skont l-Artikolu 5(4) tad-Direttiva 91/676/KEE.

(2) Ir-rekwiżit jista' jiġi limitat għal projbizzjoni ġenerali ta' ħruq tal-qasbija fir-raba' tal-ħrit, iżda Stat Membru jista' jiddeċiedi li jippreskrivi aktar rekwiżiti.

(3) Kif implimentat b'mod partikolari minn:
— Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 470/2009 u l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 37/2010,
— Ir-Regolament (KE) Nru 852/2004: Artikolu 4(1) u l-Anness I parti A (II 4 (g, h, j), 5 (f, h), 6; III 8 (a, b, d, e), 9 (a, c)),
— Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004: Artikolu 3(1) u l-Anness III Taqsima IX Kapitolu 1 (I-1 b, c, d, e; I-2 a (i, ii, iii), b (i, ii), c; I-3; I-4; I-5; II-A 1, 2, 3, 4; II-B 1(a, d), 2, 4 (a, b)), l-Anness III Taqsima X Kapitolu 1 (1),
— Ir-Regolament (KE) Nru 183/2005: Artikolu 5(1) u l-Anness I, parti A (I-4 e, g; II-2 a, b, e), l-Artikolu 5(5) u l-Anness III (1, 2), l-Artikolu 5(6), u
— Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005: Artikolu 18.

## Bidliet prinċipali fl-ambitu tar-regoli tal-kundizzjonalità għall-PAK għall-perjodu 2014–2020

Skont l-Artikolu 93 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, ir-regoli ġew miġburin flimkien f'lista unika ta' 13-il RSĠ u 7 KAAT. Il-bidliet prinċipali meta mqabbla mal-leġiżlazzjoni preċedenti u l-ġustifikazzjoni li ġiet ipprovduta mill-Kummissjoni kienu:

- it-tneħħija tas-seba' KAAT fakultattivi (sabiex tiġi promosssa implimentazzjoni aktar uniformi tal-KAAT mill-Istati Membri);
- it-tneħħija tal-RSĠ dwar il-ħama tad-drenaġġ (rekwiżiti ġeneralment applikati għal kumpaniji tad-drenaġġ aktar milli għall-bdiewa);
- it-tneħħija ta' tliet RSĠ dwar in-notifika tal-mard tal-annimali (il-kontrolli sistematiċi ta' kundizzjonalità ma kinux adatti għal okkorrenzi eċċezzjonali ta' mard);
- it-tnaqqis tal-ambitu taż-żewġ RSĠ dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi u l-ħabitats naturali (l-infrazzjonijiet setgħu jiġu identifikati biss jekk il-bdiewa kienu jinqabdu "fil-fatt". Il-kontrolli ta' kundizzjonalità, sistematiċi min-natura tagħhom, ma kinux xierqa għal dan it-tip ta' infrazzjoni);
- il-bdil tal-RSĠ dwar il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art bi tqabbil mat-tniġġis f'KAAT ġdid;
- il-bdil tal-istandard tal-KAAT dwar il-protezzjoni ta' mergħat permanenti f'waħda mit-tliet prattiki tal-pagament "ekoloġiku";
- l-istandard tal-KAAT dwar il-prevenzjoni tal-invażjoni minn veġetazzjoni mhux mixtieqa sar kriterju ta' eliġibbiltà taħt l-iskema bażika ta' pagament dirett.

Anness III

## Il-partijiet interessati esprimew ħtieġa għal aktar simplifikazzjoni

Matul it-38 Konferenza tad-Diretturi tal-Aġenziji tal-Pagamenti li saret fil-Lussemburgu f'Novembru2015, il-grupp ta' ħidma *ad hoc* bit-tema "Simplifikazzjoni – kundizzjonalità" ikkonkluda li, fit-terminu twil għall-PAK wara l-2020, is-sistema ta' kundizzjonalità "jeħtieġ li tiġi rriformata u ssimplifikata". Ġew identifikati tliet oqsma ta' prijorità:

- jenħtieġ li l-kontrolli li jitwettqu fuq il-post jiġu limitti għal kundizzjonalità rilevanti u oġġettivament kontrollabbli li tista' tiġi applikata b'mod li jipprovdi ċertezza legali sħiħa;

- jenħtieġ żgurar li r-regoli li jifformaw parti mill-kundizzjonalità jkunu rilevanti, billi tittieħed inkunsiderazzjoni l-importanza tagħhom għas-settur agrikolu, l-għadd ta' bdiewa kkonċernati, il-frekwenza tal-attività relatata u d-diffikultà li tiġi żgurata ċerteza legali meta jiġu ċċekkjati ċerti regoli;

- jenħtieġ li titneħħa r-regola ġenerali dwar it-tnaqqis għal nuqqas ta' konformità intenzjonali u jiżdiedu regoli aktar proporzjonati dwar it-tnaqqis u l-penali.

Waħda mill-mistoqsijiet miftuħa fl-istħarriġ tagħna kienet li jintalbu suġġerimenti għat-tliet miżuri prinċipali li jistgħu jgħinu jissimplifikaw is-sistema ta' kundizzjonalità u/jew jagħmluha aktar effettiva. It-tliet proposti msemmija l-aktar ta' spiss mill-Aġenziji tal-Pagamenti kienu, f'ordni ta' frekwenza:

- tnaqqis tal-għadd ta' rekwiżiti ta' kundizzjonalità billi jkun hemm fokus fuq dawk li jitqiesu li huma l-aktar importanti u rilevanti strettament għall-attività tal-biedja;

- bidla tas-sistema ta' sanzjonijiet permezz ta', pereżempju: l-eliminazzjoni tal-kunċett tan-nuqqas ta' konformità intenzjonali; l-introduzzjoni ta' element ta' tolleranza qabel ma jiġi determinat nuqqas ta' konformità (pereżempju, fejn tkun involuta r-reġistrazzjoni u l-identifikazzjoni tal-annimali); is-simplifikazzjoni tal-metodu ta' kifi jiġi kkalkulat it-tnaqqis u l-penali (li attwalment huwa bbażat fuq il-kunċetti tal-firxa, tas-severità u tal-permanenza);

- tnaqqis tal-firxa tal-kontrolli fuq il-post permezz ta': ittestjar ibbażat fuq kampjuni, pereżempju fil-każ ta' azjendi agrikoli b'merħliet kbar; ittestjar iffukat li jsir fuq l-oqsma l-aktar riskjużi, b'livelli aktar baxxi ta' kontrolli għal standards fejn ikunu jinstabu livelli insinifikanti ta' nuqqas ta' konformità; eliminazzjoni ta' dawk il-punti ta' kontroll li mhux dejjem jistgħu jiġu vveriifkati b'mod affidabbli fuq il-post.

Barra minn hekk, il-Korpi Konsultattivi għall-Azjendi Agrikoli mistħarrġa pproponu wkoll li tingħata aktar għajnuna lill-bdiewa permezz ta', pereżempju: l-għoti ta' taħriġ fiż-żamma ta' rekords; gwidi u manwali prattiċi; informazzjoni aktar faċli għall-qarrej; kampanji dwar l-effetti pożittivi tal-kundizzjonalità fuq l-ambjent, is-sikurezza alimentari u t-trattament xieraq tal-annimali.

L-assoċjazzjonijiet tal-bdiewa li ltqajna magħhom fit-tliet Stati Membri identifikaw ukoll prijoritajiet għas-simplifikazzjoni fuq l-istess linji: tnaqqis tal-għadd tar-regoli tal-kundizzjonalità, bdil tas-sistema ta' sanzjonijiet (l-eliminazzjoni tal-kunċett tal-intenzjonalità, aktar tolleranza, u simplifikazzjoni tal-metodoloġija għall-kalkolu tal-penali) u mmirar aħjar tal-kontrolli lejn il-bdiewa l-aktar riskjużi.

## Studji tal-każijiet li ġew inklużi fl-istħarriġ mibgħut lill-Aġenziji tal-Pagamenti

| | |
|---|---|
| Il-bidwi XY intgħażel b'mod aleatorju għal kontroll fuq il-post għall-kundizzjonalità tal-RSĠ 4 għas-sena tat-talba 2014. Il-bidwi ma kienx intgħażel għal kontrolli fuq il-post fit-tliet snin preċedenti. Il-bidwi bagħat klejm għas-sena tat-talba 2014, fejn huwa ddikjara 70 ha u 80 bovin. L-ammont totali ta' pagamenti diretti li għalih huwa intitolat il-bidwi huwa ta' EUR 25 000.<br><br>Matul il-kontroll fuq il-post, l-ispetturi ċċekkjaw ir-reġistru tal-azjenda agrikola għall-annimali, u d-dokumenti ta' sostenn li jagħtu xhieda tad-dikjarazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali (twelid, imwiet). L-ispetturi sabu li 20 annimal ġew irreġistrati wara d-data ta' skadenza ta' 7 ijiem (ġew osservati perjodi ta' 8 ijiem sa 20 jum). L-għadd medju ta' annimali matul is-sena kalendarja 2014 kien ta' 75.<br><br>L-ispetturi sabu wkoll li matul is-sena kalendarja 2013, il-bidwi kien iddikjara 10 annimali wara d-data ta' skadenza ta' 7 ijiem. L-għadd medju ta' annimali fl-2013 kien ta' 70. Jekk jogħġbok indika jekk inti, kieku, tapplikax penali għas-sena tat-talba 2014. Jekk iva, jekk jogħġbok indika l-perċentwal tal-penali li għandu jiġi applikat skont il-leġiżlazzjoni u n-normi nazzjonali u/jew reġjonali. Jekk it-tweġiba tiegħek tkun le, jekk jogħġbok indika "ebda penali". | Il-bidwi WZ intgħażel b'mod aleatorju għal kontroll fuq il-post għall-kundizzjonalità tal-RSĠ 4 għas-sena tat-talba 2014. Il-bidwi ma kienx intgħażel għal kontrolli fuq il-post fit-tliet snin preċedenti.<br><br>Il-bidwi li ġie spezzjonat huwa s-sid ta' 964.35 ha u 145 ras ifrat, li għalihom huwa jeħtieġ kapaċità ta' ħżin ta' 4 400 metru kubu (ħżin ta' 6 xhur) għaddemel. Il-kapaċità misjuba u kkalkulata mill-ispetturi matul l-ispezzjoni fuq il-post kienet 10 % inqas minn dik rikjesta.<br><br>Jekk jogħġbok indika jekk inti, kieku, tapplikax penali għas-sena tat-talba 2014. Jekk iva, jekk jogħġbok indika l-perċentwal tal-penali li għandu jiġi applikat skont il-leġiżlazzjoni u n-normi nazzjonali u/jew reġjonali. Jekk it-tweġiba tiegħek tkun le, jekk jogħġbok indika "ebda penali". |

# Risposta tal-Kummissjoni



## Sommarju eżekuttiv

### II

Meta wieħed jiddeskrivi s-sistema tal-kundizzjonalità għandu jiġi ċċarat li għall-RSĠ, dawn ir-regoli bażiċi inkorporati fil-kundizzjonalità xorta huma diġà applikabbli fl-Istati Membri minħabba l-leġiżlazzjoni settorjali sottostanti.

### III

Sa mill-2005 il-proċess kontinwu ta' rieżaminar u simplifikar tal-ambitu tal-kundizzjonalità pprovda r-riżultati li ġejjin:

Il-proċeduri ta' kontroll ġew issimplifikati matul il-perjodu 2005–2013 permezz tal-introduzzjoni ta' dispożizzjonijiet dwar l-armonizzazzjoni tar-rati ta' kontroll, tal-avviż minn qabel, tat-twaqqit meta jsiru l-ispezzjonijiet fuq il-post u l-elementi tagħhom u tal-għażla ta' kampjun ta' kontroll.

Barra minn hekk, fejn tidħol l-aħħar riforma tal-PAK, l-għadd ta' RSĠ tnaqqas minn 18 għal 13, u l-għadd ta' standards tal-KAAT naqas minn 15 għal 7. L-obbligi inklużi fl-ambitu tal-kundizzjonalità ġew rieżaminati fid-dawl tal-fatt jekk kienux kontrollabbli, attribwibbli direttament għall-bdiewa (u mhux lill-Istati Membri) u jekk kinux marbuta ma' attività agrikola.

Il-Kummissjoni tqis li l-iskala tal-isforz li sar diġà fis-simplifikazzjoni jagħmilha improbabbli ħafna li tista' tinkiseb xi simplifikazzjoni ulterjuri mingħajr ma jiġu mminati, pereżempju, l-objettivi ambjentali tal-kundizzjonalità.

### IV

Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-indikaturi tal-prestazzjoni użati għall-kejl tal-effettività tal-kundizzjonalità fil-kisba tal-objettivi tagħha huma l-aktar addattati fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli. L-objettivi tal-kundizzjonalità huma l-kontribut għall-iżvilupp ta' agrikoltura sostenibbli permezz ta' sensibilizzazzjoni tal-bdiewa u li l-PAK issir aktar kompatibbli mal-aspettativi tas-soċjetà. L-objettivi tal-KAAT huma l-kontribut biex tiġi evitata l-erożjoni tal-ħamrija, iż-żamma tal-materjal organiku u l-istruttura tal-ħamrija, l-iżgurar ta' livell minimu ta' manutenzjoni, l-evitar tad-deterjorament tal-ambjenti u l-protezzjoni u l-ġestjoni tal-ilma. F'dan ir-rigward, il-kundizzjonalità ma hijiex l-għodda tal-implimentazzjoni għal politiki oħra, li għandhom l-objettivi tagħhom stess.

L-analiżi tar-raġunijiet għal ksur issir fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni settorjali. Madankollu, il-kundizzjonalità u s-Sistema Konsultattiva għall-Farms għandhom rwol fl-indirizzar tar-raġunijiet għall-ksur.

### VI

L-objettivi ambjentali (eż. il-manutenzjoni tal-art u l-bijodiversità) huma segwiti mhux biss permezz tal-pagamenti tal-ekoloġizzazzjoni u l-istandards tal-KAAT iżda wkoll permezz ta' miżuri ambjentali u klimatiċi fil-Pilastru II kif ukoll il-leġiżlazzjoni ambjentali. Madankollu, in-natura, ir-raġunijiet għal, u l-funzjonament ta' dawn id-diversi strumenti huma differenti u komplimentari. Il-komplementarjetà tagħhom hija spjegata fil-Figura 1 SWD (2016) 218 final.

Kemm ir-regoli tal-ekoloġizzazzjoni u l-KAAT huma ġestiti mis-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll (SIAK) u dan jiżgura l-aħjar użu tar-riżorsi. Madankollu hemm raġunijiet għall-fatt li l-ekoloġizzazzjoni u l-KAAT mhux bilfors jiġu eżaminati flimkien. Peress li l-ekoloġizzazzjoni hija kriterju ta' eliġibbiltà, din tiġi kkontrollata *ex ante* permezz ta' kontrolli amministrattivi u kontrolli fuq il-post għal 5 % tal-benefiċjarji. Il-KAAT huma kkontrollati taħt il-kundizzjonalità li hija ġestita b'mod differenti mir-rekwiżiti ta' eliġibbiltà.

## VII

Ir-RSĠ jirriżultaw minn leġiżlazzjonijiet settorjali u l-Istati Membri jistgħu jagħmlu użu mis-sistemi eżistenti tagħhom ta' amministrazzjoni u ta' kontroll (l-Artikolu 96 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013). Għaldaqstant, is-sistemi eżistenti ta' kontroll jistgħu jintużaw b'mod sinerġistiku għas-sistema ta' kontroll tal-kundizzjonalità. Il-KAAT m'għandhomx jgħabbu lill-bdiewa bi spejjeż sinifikanti peress li huma intiżi li jkunu standards bażiċi. L-ispejjeż tal-kontrolli tagħhom jinġarru mis-SIAK li jservu wkoll strumenti oħra tal-PAK.

Il-Kummissjoni kkwantifikat fir-Rapport ta' Attività Annwali tagħha tal-2014 l-ispejjeż globali relatati mal-kontroll fl-Istati Membri bir-riżerva li "l-effett ta' deterrent tal-kontrolli *ex-post*" (bħall-kundizzjonalità) "iġib ukoll benefiċċji mhux kwantifikabbli".

## VIII

Filwaqt li l-qafas huwa stabbilit fil-livell tal-UE, l-obbligi taħt ir-RSĠ u l-KAAT fl-azjendi agrikoli huma fil-biċċa l-kbira ddefiniti mill-Istati Membri biex iqisu l-isfidi u l-istrutturi agrikoli fil-kundizzjonijiet nazzjonali jew reġjonali. F'dan ir-rigward huwa importanti li jitħalla marġni ta' implimentazzjoni f'idejn l-Istati Membri għall-kalkolu ta' penali għal kull wieħed minn dawn l-obbligi fl-azjenda agrikola. Ir-regolament tal-UE jistabbilixxi l-prinċipju li s-sanzjonijiet huma kkalkulati fuq bażi ta' każ b'każ waqt li jitqiesu l-gravità, il-firxa, il-permanenza, ir-rikorrenza jew l-intenzjoni tan-nuqqas ta' konformità. L-implimentazzjoni armonizzata ta' dawn il-prinċipji madwar l-Istati Membri hija żgurata b'mod partikolari permezz tal-awditi mwettqa mill-Kummissjoni. Jekk jinstabu xi nuqqasijiet fi Stat Membru partikolari f'dan ir-rigward, jiddaħħal segwitu xieraq fil-qafas tal-approvazzjoni tal-kontijiet.

## IX L-ewwel inċiż

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

## IX It-tieni inċiż

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

## IX It-tielet inċiż

Il-Kummissjoni ma taċċettax din ir-rakkomandazzjoni. Ir-rakkomandazzjoni mill-Qorti ma tissimplifikax il-kundizzjonalità imma *de facto* tnaqqas l-ambitu tagħha. L-ambitu tal-kundizzjonalità diġà ġie ssimplifikat bosta drabi fil-passat. Barra minn hekk l-Istati Membri issa għandhom spazju wiesa' fejn jiċċaqilqu biex iqisu r-riskji fil-kampjuni tal-kontroll u jottimiżżaw is-sistemi ta' kontroll tagħhom. Il-Kummissjoni tqis li din ir-rakkomandazzjoni tista' tirriżulta fl-illaxkar tar-regoli dwar il-verifiki fuq il-post li fl-aħħar mill-aħħar jimminaw l-effettività tal-kundizzjonalità.

## IX Ir-raba' inċiż

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

### IX Il-ħames inċiż

Il-Kummissjoni parzjalment taċċetta din ir-rakkomandazzjoni. L-implimentazzjoni ta' din ir-rakkomandazzjoni ser tiddependi mill-eżitu tal-istudju ppjanat fuq il-piż amministrattiv. Il-kostijiet amministrattivi tal-kundizzjonalità għandhom jitqiesu fil-kuntest tal-konsegwenzi tan-nonkonformità għas-soċjetà, il-finanzi pubbliċi u l-ambjent u tal-benefiċċji potenzjali tal-kundizzjonalità.

### IX Is-sitt inċiż

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni qed tippjana li torganizza skambji tal-aħjar prattika dwar dawn il-kwistjonijiet.

## Introduzzjoni

### 06

Il-leġiżlazzjoni settorjali diġà kienet applikabbli fl-Istati Membri qabel ma ġiet introdotta l-kundizzjonalità.

### 09

Il-Kummissjoni implimentat ir-rakkomandazzjonijiet aċċettati kollha li saru mill-Qorti fir-rapport speċjali tagħha ta' 8/2008.

### 10

Il-bidliet għall-2014-2020 kienu implimentati u s-sistema tal-kundizzjonalità għaddiet minn bidliet sostanzjali bl-aħħar riforma tal-PAK.

### 10 It-tieni inċiż

L-obbligi inklużi fl-ambitu tal-kundizzjonalità ġew rieżaminati fid-dawl tal-fatt jekk kinux kontrollabbli, attribwibbli direttament għall-bdiewa (u mhux lill-Istati Membri) u jekk kinux marbuta ma' attività agrikola.

## Osservazzjonijiet

### It-tweġiba komuni tal-Kummissjoni għall-paragrafi 18 sa 21.

L-objettivi tal-kundizzjonalità huma l-kontribut għall-iżvilupp ta' agrikoltura sostenibbli, li l-PAK issir aktar kompatibbli mal-aspettativi tas-soċjetà u tiġi evitata l-erożjoni tal-ħamrija, iż-żamma tal-materjal organiku tal-ħamrija u l-istruttura tal-ħamrija, l-iżgurar ta' livell minimu ta' manutenzjoni, l-evitar tad-degradazzjoni tal-abitat u l-ħarsien u l-ġestjoni tal-ilma. Il-kundizzjonalità mhijiex l-għodda tal-implimentazzjoni għal politiki oħrajn. Dan kien diġà ġie ċċarat meta ġiet introdotta l-kundizzjonalità, peress li l-kundizzjonalità mhijiex regola tal-eliġibbiltà (ara l-Kompromess tal-Presidenza tas-26 ta' Ġunju 2003). Din taġixxi indirettament billi titqajjem is-sensibilizzazzjoni tal-benefiċjarju. Huwa x-xogħol tal-politiki settorjali sottostanti, u mhux tal-kundizzjonalità biex jiġu identifikati u indirizzati r-raġunijiet għaliex il-bdiewa ma jikkonformawx mal-leġiżlazzjoni settorjali li minnha jinsiltu r-RSĠ.

Barra minn hekk, skont l-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 huma biss l-artikoli jew il-paragrafi magħżula li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni settorjali li jistgħu jkunu ta' rilevanza għal din l-analiżi, u li jeħtieġ li jqisu l-ambitu usa' tal-politiki.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-leġiżlazzjoni ambjentali ġew żviluppati indikaturi tal-prestazzjoni speċifiċi għal kull direttiva settorjali koperta mir-RSĠ u qed jiġu żviluppati indikaturi bħala parti mill-Istrateġija tal-UE dwar il-Ħamrija. Ix-xejriet fl-istat tal-ambjent skont l-informazzjoni tar-rappurtar skont id-Direttivi inklużi fl-ambitu tal-kundizzjonalità huma marbuta mal-effettività tad-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni ta' dawk id-Direttivi.

Barra mill-kundizzjonalità, fil-livell tal-UE, fiċ-ċiklu tal-politika kull miżura tal-PAK, b'impatt fuq il-baġit jew mingħajru, hija soġġetta għal evalwazzjoni kontinwa. L-indikaturi speċifiċi tal-prestazzjoni huma inklużi f'kull direttiva settorjali koperta mir-RSĠ u eż. qed jiġu żviluppati indikaturi fil-Politika tal-Ħamrija.

**22**
Il-Kummissjoni tqis li l-indikatur tar-riżultati "Perċentwal tal-pagamenti tal-PAK koperti mill-kundizzjonalità" jirrifletti l-effett tal-kundizzjonalità fost il-popolazzjoni tal-azjendi agrikoli. Fil-fatt aktar ma l-pagamenti jkunu koperti mill-kundizzjonalità, aktar ikun għoli l-impatt finanzjarju tal-ksur possibbli fuq kull bidwi individwali, li żżid is-sensibilizzazzjoni tal-bdiewa biex jirrispettaw ir-regoli. Il-kundizzjonalità żiedet is-sensibilizzazzjoni fost il-bdiewa u wasslet għal xi bidliet fil-prattiki tal-biedja.

**24**
Il-Kummissjoni tqis li l-indikatur tar-riżultati "L-opinjoni espressa mill-pubbliku dwar il-kundizzjonalità" jirrifletti l-effettività tal-kundizzjonalità sabiex jintlaħqu l-aspettattivi tas-soċjetà permezz tat-titjib tal-konsistenza tal-politika tal-PAK ma' politiki ikkonċernati oħrajn. Il-mistoqsijiet tal-istħarriġ tal-Ewrobarometru preċiżament jittrattaw l-aċċettazzjoni tar-rabta bejn il-ħlasijiet tal-PAK u r-rispett tar-regoli. Ir-riżultati f'dan ir-rigward huma fil-biċċa l-kbira pożittivi.

**25**
Il-Kummissjoni tqis li l-indikatur tar-riżultati "rata ta' kontroll għall-KAAT" huwa indikatur xieraq tal-eżitu ambjentali mistenni. Sakemm l-istandards nazzjonali tal-KAAT ikunu ddefiniti sew mill-Istati Membri, ir-rispett ta' dawn l-istandards mill-istess bdiewa għandu jwassal għal eżitu ambjentali pożittiv. Ir-rispett għar-rata ta' kontroll tippermetti l-iżgurar sa fejn ikun possibbli, li l-bdiewa jirrispettaw ir-regoli. Dan hu l-aħjar indikatur skont it-tagħrif disponibbli.

Il-Kummissjoni tikkunsidra wkoll l-indikatur tar-riżultat "perċentwal ta' art okkupata minn mergħat permanenti" bħala indikatur tajjeb għall-effikaċja ta' dan l-istrument. Dan l-indikatur huwa mmonitorjat biex jiġi vverifikat li l-Istati Membri jkunu ħadu l-azzjonijiet ta' rimedju meħtieġa meta l-proporzjon jonqos lil hinn mil-livell limitu permess. Jidher ċar li l-evoluzzjoni tal-proporzjon hija kkawżata minn diversi fatturi, iżda dak mhuwiex dak li l-indikatur qed ikejjel hawnhekk.

**26**
Il-Kummissjoni tqis li l-indikaturi tagħha huma addattati għall-objettivi tal-kundizzjonalità. L-indikatur tar-riżultati "numru ta' ettari li huma soġġetti għall-kundizzjonalità" jirrifletti b'mod xieraq l-effettività tal-kundizzjonalità u huma utli sabiex jiġu kkumplimentati l-indikaturi eżistenti tar-riżultat. Ir-regoli koperti mill-kundizzjonalità huma fil-biċċa l-kbira tagħhom prattiki li għandhom jiġu mwettqa f'żona agrikola (standards tal-KAAT, prattiki taħt il-leġiżlazzjoni ambjentali, l-użu ta' pestiċidi, eċċ.). Aktar ma jkun hemm ettari koperti bis-sistema tal-kundizzjonalità, aktar tkun qawwija l-effettività tas-sistema.

27
L-indikaturi kkwotati mill-Qorti, bħall-indiċi tal-għasafar tal-art agrikola, il-kwalità tal-ilma, eċċ. huma indikaturi tal-impatt li jirriflettu l-għan ġenerali tal-PAK u l-politiki oħra tal-UE. Diversi strumenti, li minnhom il-kundizzjonalità hija biss element wieħed, jikkontribwixxu biex jintlaħqu dawn l-objettivi ġenerali. L-objettivi speċifiċi tal-kundizzjonalità, li jirriflettu l-kontribut speċifiku ta' dan l-istrument lejn l-objettivi ġenerali tal-PAK, huma riflessi mir-riżultat tal-indikaturi tar-riżultati ppreżentati fil-paragrafi 22 sa 26.

28
Il-Kummissjoni ma tqisx li n-numru ta' ksur ikun indikatur adattat għat-twettiq tal-kundizzjonalità. L-istatistika tal-kontroll tal-kundizzjonalità tintuża fil-kuntest tal-awditi tad-DĠ AGRI bħala indikatur ta' prestazzjoni tas-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri. Rata għolja ta' nuqqas ta' konformità f'ċertu settur tista' tkun ukoll indikatur li l-kontrolli tal-kundizzjonalità huma effettivi.

29
Il-ksur kienu fil-biċċa l-kbira tiegħu marbut ma' żewġ settijiet ta' rekwiżiti (ara l-paragrafu 31. u l-Figuri 2 u 3).

30
Iż-żieda tar-rati ta' nonkonformità tista' tirriżulta minn titjib fis-sistema ta' kontroll aktar milli żieda ta' mġiba li ma tkunx konformi.

33
Id-dikjarazzjoni pereżempju fir-rigward tal-għasafar slavaġ ma tapplikax għall-Istati Membri kollha. Il-Kummissjoni tixtieq tikkummenta li pereżempju dwar l-għasafar slavaġ għandu jiġi kkonsidrat illi minkejja li r-rata ġenerali tal-ksur hija kif deskritta mill-Qorti, hemm xi ftit Stati Membri fejn l-awditi tal-Kummissjoni identifikaw problemi serji ta' kontrolli. Għalhekk, ir-rati baxxi ta' ksur jistgħu jkunu dovuti wkoll għal sistemi laxki ta' kontroll fl-Istati Membri.

34
L-analiżi tar-raġunijiet għal ksur u l-mezzi li bihom jistgħu jiġu indirizzati mhuwiex kompitu għall-kundizzjonalità iżda għall-politiki settorjali. Madankollu, fir-rigward tal-kundizzjonalità, id-DĠ AGRI janalizza l-istatistiki tal-kontroll bl-għan li jużahom fl-analiżi tiegħu tar-riskju fit-tfassil tal-programm tiegħu tal-awditi.

35
Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-kundizzjonalità mhijiex għodda ta' infurzar għal politiki settorjali.

Fis-snin tat-talba 2014, dwar il-kundizzjonalità, il-Kummissjoni wettqet awditi speċifiċi f'ċerti Stati Membri li jiffukaw fuq kwistjonijiet relatati mal-annimali. Madankollu, wieħed għandu jżomm f'moħħu li l-awditi tal-kundizzjonalità tal-Kummissjoni għandhom bħala punt tat-tluq il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE fil-qasam tal-agrikoltura.

Id-DĠ ENV jirċievi r-rapporti ta' awditi u se jirċievi l-istatistika mid-DĠ AGRI. Id-DĠ ENV se janalizza r-raġunijiet għall-ksur u jsegwi dan mal-Istati Membri skont ma jkun hemm bżonn.

**36**
Il-kundizzjonalità mhijiex l-għodda tal-implimentazzjoni għal politiki oħrajn. Dan kien diġà ġie ċċarat waqt l-introduzzjoni tal-kundizzjonalità, peress li l-kundizzjonalità mhijiex regola tal-eliġibbiltà (ara l-Kompromess tal-Presidenza tas-26 ta' Ġunju 2003). Barra minn hekk, ir-rata minima tal-kontroll għandha tiżdied fil-każ ta' grad sinifikanti ta' nonkonformità[1].

Għal-leġiżlazzjoni tas-saħħa pubblika u tal-annimali, tas-saħħa tal-pjanti u dwar it-trattament xieraq tal-annimali,il-Kummissjoni qed twettaq eżerċizzji tal-awditjar biex tiżgura li l-awtoritajiet nazzjonali qegħdin jissodisfaw l-obbligi legali tagħhom. Għal-leġiżlazzjoni ambjentali, il-Kummissjoni qed taħdem fuq inizjattiva ta' politika biex tgħin lill-Istati Membri jtejbu l-assigurazzjoni tal-konformità (jiġifieri, il-monitoraġġ, il-promozzjoni u l-infurzar tal-konformità abbażi tar-riskju), filwaqt li jirrispettaw l-prinċipji tal-proporzjonalità u tas-sussidjarjetà.

**39**
Il-Kummissjoni tikkunsidra li meta tippreżenta proposti għall-infiq riveduti jew ġodda m'għandhiex tistma l-kostijiet u l-benefiċċji tas-sistemi tal-kontroll minħabba li l-kundizzjonalità tinkludi wkoll pereżempju s-saħħa tal-annimali u dik pubblika fejn il-kalkoli tal-kostijiet u l-benefiċċji qajla jistgħu jikkunsidraw b'mod suffiċjenti s-saħħa pubblika pereżempju.

**40**
Il-proporzjonalità hija diġà inerenti, peress li s-sanzjonijiet huma kkalkulati bħala persentaġġ tal-pagament tal-benfiċjarju tal-PAK flimkien mal-possibbiltà li ma jiġux applikati sanzjonijiet jew intenzjonalità u ripetizzjoni.

Il-leġiżlazzjoni tal-UE[2] tipprovdi bażi armonizzata għall-evalwazzjoni u s-sanzjonar tan-nonkonformità għall-kundizzjonalità fil-livell tal-UE. Madankollu, it-tqassim tal-grids nazzjonali tas-sanzjonijiet għandu jitħalla f'idejn l-Istati Membri biex iqisu l-varjetà tar-regoli skont il-kundizzjonalità. Il-Kummissjoni qed tippjana li torganizza skambji tal-aħjar prattika mal-Istati Membri dwar il-kwistjonijiet.

Filwaqt li l-qafas huwa stabbilit fil-livell tal-UE, l-obbligi taħt ir-RSĠ u l-KAAT fl-irziezet huma fil-biċċa l-kbira ddefiniti mill-Istati Membri biex iqisu l-isfidi u l-istrutturi agrikoli fil-kundizzjonijiet nazzjonali jew reġjonali. F'dan ir-rigward huwa importanti li l-marġni ta' implimentazzjoni jitħalla f'idejn l-Istati Membri għall-kalkolu tal-penali għal kull wieħed minn dawn l-obbligi fl-azjenda agrikola. Ir-regolament tal-UE jistabbilixxi l-prinċipju li s-sanzjonijiet huma kkalkulati fuq bażi ta' każ b'każ waqt li jitqiesu l-gravità, il-firxa, il-permanenza, ir-riokkorrenza jew l-intenzjoni tan-nuqqas ta' konformità determinati. L-implimentazzjoni armonizzata ta' dawn il-prinċipji madwar l-Istati Membri hija żgurata b'mod partikolari permezz ta' awditi mwettqa mill-Kummissjoni. Jekk jinstabu xi nuqqasijiet fi Stat Membru partikolari f'dan ir-rigward, jiddaħħal segwitu xieraq fil-qafas tal-approvazzjoni tal-kontijiet.

**41**
Fid-dawl tal-fatt li l-istandards tal-KAAT tnaqqsu b'aktar minn 50 % (minn 15 għal 7), id-DĠ AGRI stenna l-Istati Membri jnaqqsu l-piż amministrattiv fuq il-bdiewa.

1 Dwar "ir-rata minima baxxa ta' kontroll ta' 1 %", kif ingħad taħt IX (it-tieni inċiż): Skont l-Artikolu 68(4) tar-Regolament (UE) Nru 809/2014, l-għadd ta' verifiki fuq il-post għandu jiżdied f'każ li jiġi żvelat grad sinifikanti ta' nonkonformità ma' att jew standard partikolari. Fl-2009, il-Kummissjoni ħarġet Dokument ta' Ħidma dwar din il-kwistjoni) DS/2009/28/rev3) li għadu fis-seħħ. Għaldaqstant ir-rata minima ta' kontroll tista' tiġi adattata jekk ikun meħtieġ.

2 B'mod partikolari, fil-Kapitolu II tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 640/2014 u fil-Kapitolu III tar-Regolament tal-Att ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 809/2014.

**42**
Il-lista tar-RSĠ u l-KAAT ġiet imqassra b'mod konsiderevoli. Ir-RSĠ u l-KAAT ingħaqdu f'lista waħda, l-Anness 2 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013. Barra minn hekk, ir-RSĠ ġew rieżaminati u baqgħu biss dawk id-dispożizzjonijiet li huma indirizzati direttament lill-bdiewa u marbuta ma' attività agrikola. Il-Kummissjoni tqis li huwa diffiċli li wieħed jara kif kwalunkwe tnaqqis ulterjuri jista' jevita li jikkomprometti kwistjonijiet ewlenin li jorbtu pereżempju l-agrikoltura u l-ambjent, u b'hekk iwassal għall-imminar, pereżempju, tal-objettivi ambjentali tal-UE.

**44**
Fuq il-bażi tal-esperjenza tal-Kummissjoni, il-perċezzjonijiet tal-Aġenziji tal-Pagamenti u l-assoċjazzjonijiet tal-bdiewa u l-Korpi Konsultattivi għall-Irziezet dwar il-kumplessità jidhru li jirrigwardaw iktar il-leġiżlazzjoni settorjali milli l-kundizzjonalità. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom il-flessibilità li jiddefinixxu r-rekwiżiti li huma meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi tad-Direttiva tal-UE, allura l-kumplessità hija wkoll taħt ir-responsabbiltà tagħhom. Fil-kuntest tas-simplifikazzjoni, l-obbligi inklużi fl-ambitu tal-kundizzjonalità ġew rieżaminati f'diversi okkażjonijiet biex isiru immirati aħjar fir-rigward tal-kontrollabbiltà, l-attribuzzjoni direttament għall-bdiewa (u mhux għall-Istati Membri) u r-rabta tagħha mal-attività agrikola. Ir-relazzjoni bejn l-agrikoltura u l-ambjent hija kumplessa min-natura tagħha stess allura kwalunkwe dispożizzjoni ta' implimentazzjoni tikkunsidra dan il-livell ta' kumplessità. L-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni ambjentali għandha t-tendenza li tkun aktar kumplessa meta l-Istati Membri jfittxu li jiżguraw li l-prattiki tal-biedja jinbidlu mill-anqas possibbli filwaqt li jiġi mħares l-ambjent. Fejn dan ikun il-każ, l-introduzzjoni tas-simplifikazzjoni tista' twassal għal regoli iktar stretti minn dawk li attwalment japplikaw għal xi bdiewa. Il-Kaxxa 2 hija eżempju tajjeb ta' dan: ir-regoli u l-kontrolli jkunu aktar sempliċi jekk id-distanzi kollha jiżdiedu sal-itwal distanza, iżda din tista' tpoġġi piżijiet evitabbli fuq bosta bdiewa.

**45**
L-eżempju tal-Qorti juri l-livell ta' kumplessità tar-relazzjoni bejn l-agrikoltura u l-ambjent. Huwa xieraq li tiġi imposta distanza akbar għall-applikazzjoni tat-tidmil madwar bir li jintuża għall-ilma tax-xorb milli ma' kanali oħra tal-ilma. L-istandardizzazzjoni ta' dawn ir-rekwiżiti ma jirriflettix b'mod suffiċjenti s-sitwazzjonijiet ambjentali lokali.

Ara wkoll it-tweġiba tal-Kummissjoni għall-paragrafu 44.

## Kaxxa 2 – Eżempji ta' rekwiżiti inklużi fil-manwal tal-kontroll tal-kundizzjonalità fir-Renju Unit – l-Irlanda ta' Fuq

Il-kontenut tal-Kaxxa 2 jiddeskrivi l-mod kif Stat Membru jkun implimenta l-leġiżlazzjoni settorjali.

**46**
Il-Kummissjoni tqis li n-numru ta' punti ta' kontroll implimentati mill-Istati Membri fejn saru ż-żjarat ma jistgħux juru l-varjetà tal-leġiżlazzjoni settorjali inkorporata fl-ambitu tal-kundizzjonalità. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 96 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 "L-Istati Membri jistgħu jużaw is-sistemi ta' amministrazzjoni u kontroll eżistenti tagħhom biex jiżguraw konformità mar-regoli dwar il-kondizzjonalità".

## Kaxxa 3 – impatt limitat tal-bidliet fil-PAK għall-perjodu 2014 – 2020 fuq il-listi ta' kontroll użati mill-awtoritajiet ta' kontroll fir-Renju Unit – l-Irlanda ta' Fuq – It-tieni inċiż

Il-lista tal-KAAT tqassret b'aktar minn 50 % bl-aħħar riforma tal-PAK, u għalhekk huwa f'idejn l-Istati Membri biex jiddeċiedu li jżidu l-punti ta' kontroll.

Id-"direttiva dwar l-ilma ta' taħt l-art" ġiet ikkonvertita minn RSĠ (2) f'KAAT.

### 47

Skont l-Artikolu 96 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 "L-Istati Membri jistgħu jużaw is-sistemi ta' amministrazzjoni u kontroll eżistenti tagħhom biex jiżguraw konformità mar-regoli dwar il-kondizzjonalità".

Livell baxx ta' ksur jista' jostor sistema ta' kontroll insuffiċjenti u jista' jwassal għal riskju għall-interessi finanzjarji tal-UE fil-qasam tal-agrikoltura. Barra minn hekk, sempliċiment għax hemm livell baxx ta' ksur, ma jistax jiġi kkunsidrat li dan se jibqa' l-każ jekk il-kontrolli jitnaqqsu ulterjorment: wieħed jista' jistenna li l-eżistenza tal-kontrolli tal-kundizzjonalità taġixxi bħala diżinċentiv kontra l-ksur tar-regoli.

### 48

Il-proporzjon ta' bdiewa li jipparteċipaw fl-iskema għall-bdiewa żgħar għall-pagamenti diretti lill-benefiċjarji (2014) jvarja bejn 3 % (is-Slovenja) u 77 % (Malta). L-iskema għall-bdiewa żgħar tkopri 4 % tat-total taż-żona agrikola tal-UE[3].

### 50

Minħabba l-eżenzjoni mir-rekwiżiti tal-kundizzjonalità (kif ukoll mill-aspetti ekoloġiċi), l-kostijiet tal-amministrazzjoni u l-kontroll loġikament għandhom jonqsu. Mhux biss minħabba li l-popolazzjoni soġġetta għall-verifiki fuq il-post għall-kundizzjonalità (u l-ekoloġizzazzjoni) tonqos bl-istess proporzjon, iżda wkoll minħabba li japplika proċess ta' applikazzjoni simplifikat (ikun hemm inqas dejta x'tiġi ttrattata). Barra minn hekk, il-kontenut tal-verifiki fuq il-post għall-Iskema għall-Bdiewa Żgħar fih innifsu hu aktar limitat għal kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà.

### 51

Dawn id-differenzi jistgħu jiġu spjegati permezz ta' strutturi agrikoli nazzjonali differenti u potenzjalment anki b'metodi differenti ta' kalkolu applikati taħt l-iskema għall-bdiewa żgħar. Pajjiżi bħar-Rumanija u l-Italja għandhom proporzjon kbir ta' bdiewa potenzjalment eliġibbli għall-iskema, meta mqabbel ma' pajjiżi oħra.

Skont id-dejta pprovduta mill-Istati Membri, fir-Rumanija l-bdiewa ż-żgħar jirrappreżentaw madwar 71 % tal-benefiċjarji ta' pagamenti diretti (2014) u 16.4 % tal-art agrikola totali.

### 52

Il-Kummissjoni ħadet nota tal-osservazzjoni tal-Qorti u tixtieq tenfasizza li l-esklużjoni deskritta ma tirriżultax mil-leġiżlazzjoni tal-kundizzjonalità.

### Kaxxa 4 — Eżenzjoni ta' bdiewa mill-obbligi tal-kundizzjonalità relatati mad-Direttiva dwar in-Nitrati fil-Litwanja

Is-sistema tal-kundizzjonalità fundamentalment hi sistema ta' kontroll u penali li tapplika għall-pagamenti li jaslu taħt il-PAK. Għalhekk, l-eżenzjoni tal-azjendi agrikoli mir-regoli tal-kundizzjonalità ma teżentahomx mill-obbligu li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni ambjentali, inkluża d-Direttiva dwar in-Nitrati. Id-diversi limiti ta' eżenzjoni msemmija fil-Kaxxa 4 huma relatati mal-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar in-Nitrati fil-pajjiż inkwistjoni u mhux għas-sistema tal-kundizzjonalità. Barra minn hekk, l-esklużjoni tal-bdiewa minn penali tal-kundizzjonalità ma teskludihomx minn kontrolli u verifiki li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni ambjentali.

3 Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar "ir-rieżami ekoloġiku wara sena" SWD(2016)218 finali, p. 19.

**54**
L-ekoloġizzazzjoni u l-KAAT huma żewġ mekkaniżmi li jikkumplimentaw lil xulxin biex jiġi indirizzat l-objettiv tat-titjib tal-prestazzjoni ambjentali tal-agrikoltura tal-UE: Il-pagament dirett ekoloġiku huwa pagament ipprovdut lill-bdiewa li japplikaw prattiki ta' benefiċċju għall-klima u l-ambjent (diversifikazzjoni tal-għelejjel, iż-żamma ta' bur permanenti u li jkollhom 5% tal-EFA).

Id-diversifikazzjoni tal-għelejjel, iż-żamma ta' bur permanenti u li jkollhom 5 % tal-EFA huma inerenti fl-ekoloġizzazzjoni. Dawn il-prattiki huma differenti minn standards tal-KAAT: newba tal-għelejjel mhijiex diversifikazzjoni tal-għelejjel, il-protezzjoni ta' mergħat permanenti hi differenti miż-żamma ta' bur permanenti kif imsemmi fil-leġiżlazzjoni dwar l-ekoloġizzazzjoni u ż-żamma tal-karatteristiċi tal-pajsaġġ fuq l-artijiet agrikoli kollha hi differenti milli wieħed ikollu 5% ta' EFA fuq ir-raba. L-aħħar riforma tal-PAK wasslet għas-simplifikazzjoni tal-qafas tal-KAAT fejn tneħħew xi standards tal-KAAT, bħalma huma dawk dwar in-newba tal-għelejjel u l-protezzjoni ta' mergħat permanenti.

**56**
L-Istati Membri għandhom il-possibbiltà li jagħżlu 1 % tal-kampjun minimu tal-kontroll tal-kundizzjonalità, minn rata ta' 5 % tal-kampjun tal-eliġibbiltà. Għalhekk, hemm sinerġija bejn iż-żewġ elementi. Barra minn hekk, jistgħu jiġu kkunsidrati elementi ta' pajsaġġ protetti skont l-istandards tal-KAAT għall-erja b'fokus ekoloġiku inkluża fl-ekoloġizzazzjoni.

**57**
Il-protezzjoni tal-karatteristiċi tal-pajsaġġ fuq l-art agrikola kollha u li wieħed ikollu 5% tar-raba' koperta mill-erja b'fokus ekoloġiku, huma miżuri differenti marbuta mal-bijodiversità. L-ewwel rekwiżit jiżgura li jinżammu l-karatteristiċi eżistenti tal-pajsaġġ li huma ta' benefiċċju għall-bijodiversità filwaqt li t-tieni jiggarantixxi li kull bidwi li jibbenefika minn pagament ta' ekoloġizzazzjoni dirett ikun iddedika tal-inqas 5 % tar-raba' tiegħu għall-EFA. Dawn huma żewġ objettivi differenti relatati mal-bijodiversità li jiġġustifikaw żewġ settijiet differenti ta' regoli u kontrolli.

## It-tweġiba komuni tal-Kummissjoni għall-paragrafi 59 u 60.

Il-kostijiet waħedhom tal-kundizzjonalità jridu jkunu distinti mill-kostijiet fuq spallejn il-bdiewa u l-Istati Membri li japplikaw il-leġiżlazzjoni settorjali. Rigward il-leġiżlazzjoni settorjali, il-kostijiet tal-konformità għandhom jiġu pparagunati mal-kostijiet fuq is-soċjetà f'każ ta' non konformità minħabba pereżempju t-tniġġis tar-riżorsi naturali, il-qerda tal-mard eċċ.

Il-kundizzjonalità se titqies fi studju ppjanat dwar il-piż amministrattiv.

**61**
Anki jekk il-leġiżlazzjoni settorjali diġà tispeċifika rati minimi ta' kontroll, dawn mhumiex kontrolli addizzjonali billi jistgħu jintużaw għall-kundizzjonalità u fl-istess ħin joħlqu effetti sinerġistiċi kosteffiċjenti.

**62**
Fil-prattika, ma hemm l-ebda rekord addizzjonali li jżomm l-obbligi imposti mill-Kummissjoni peress li l-obbligi taħt ir-RSĠ kienu jeżistu qabel l-introduzzjoni tal-kundizzjonalità skont il-leġiżlazzjoni settorjali tal-UE. Barra minn hekk, la r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 640/2014, u lanqas r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 809/2014, li jistabbilixxi d-dettalji tas-sistema tal-kundizzjonalità, ma introduċew rekwiżiti ta' reġistrazzjoni addizzjonali għall-bdiewa.

63
L-istudju kkwotat mibdi mill-Parlament Ewropew u kkummissjonat mid-DĠ AGRI ma ffukax fuq il-kundizzjonalità iżda kkunsidra l-leġislazzjoni barra l-kamp tal-applikazzjoni tal-kundizzjonalità (id-Direttiva dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi). Barra minn hekk, huwa skadut peress li sadanittant ċerti rekwiżiti telqu mill-ambitu tal-kundizzjonalità (pereżempju l-evitar ta' invażjoni ta' veġetazzjoni mhux mixtieqa u n-newba tal-għelejjel).

64
Din hija dikjarazzjoni bbażata fuq suppożizzjonijiet li saru mill-Aġenziji tal-Pagamenti li tmur kontra l-fatt li l-lista tar-RSĠ u l-KAAT ġiet imqassra b'mod konsiderevoli bl-aħħar riforma tal-PAK. Il-Kummissjoni tiddubita mill-kontenut fattwali ta' tali dikjarazzjonijiet, peress li l-Aġenziji tal-Pagamenti ma ssostnihomx biċ-ċifri.

65
Il-leġiżlazzjoni diġà tistabbilixxi l-qafas għall-kalkolu tal-penali billi tiddefinixxi l-gravità, il-firxa u l-permanenza kif ukoll għall-persentaġġ li għandu jiġi applikat għal ksur tal-ewwel darba, ksur rikorrenti u ksur imwettaq b'mod intenzjonali. Għalhekk, diġà hemm bażi armonizzata.

66
Filwaqt li l-qafas huwa stabbilit fil-livell tal-UE, l-obbligi taħt ir-RSĠ u l-KAAT fl-azjendi agrikoli huma fil-biċċa l-kbira ddefiniti mill-Istati Membri biex iqisu l-isfidi u l-istrutturi agrikoli fil-kundizzjonijiet nazzjonali jew reġjonali. F'dan ir-rigward huwa importanti li marġni ta' implimentazzjoni jitħalla f'idejn l-Istati Membri għall-kalkolu ta' penali għal kull wieħed minn dawn l-obbligi fl-azjenda agrikola. Ir-regolament tal-UE jistabbilixxi l-prinċipju li s-sanzjonijiet huma kkalkulati fuq bażi ta' każ b'każ waqt li jitqiesu l-gravità, il-firxa, il-permanenza, ir-rikorrenza jew l-intenzjoni tan-nuqqas ta' konformità. L-implimentazzjoni armonizzata ta' dawn il-prinċipji madwar l-Istati Membri hija żgurata, b'mod partikolari permezz ta' awditi mwettqa mill-Kummissjoni. Jekk jinstabu xi nuqqasijiet fi Stat Membru partikolari f'dan ir-rigward, fil-qafas tal-approvazzjoni tal-kontijiet jiddaħħal segwitu xieraq. Barra minn hekk, filwaqt li jżomm f'moħħu t-tħassib tal-Qorti, id-DĠ AGRI qed jippjana li jorganizza seminars dwar l-aħjar prattika mal-Istati Membri dwar dawn il-kwistjonijiet.

67
Il-kunċett tal-intenzjonalità hu element li jżomm tnaqqis tal-kondizzjonalità b'mod proporzjonali, għax ibbilanċja l-każijiet minuri preċedenti ta' nonkonformità mingħajr sanzjonijiet u issa s-sistema ta' twissija bikrija. Il-kwistjoni ġiet diskussa b'mod ġenerali fl-aħħar riforma tal-PAK u fl-aħħar l-Istati Membri ddeċidew li għandu jinżamm. Hemm sentenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja tas-27 ta' Frar 2014 (C-396/12) li tipprovdi gwida dwar il-kunċett tal-intenzjonalità.

68
L-Istati Membri għandhom ċerta libertà biex ifasslu t-tabelli tal-evalwazzjoni tagħhom (ara l-kummenti tal-Kummissjoni skont il-paragrafu 40, sal-paragrafu VIII u l-paragrafu IX is-6 inċiż).

70
Fil-fehma tal-Kummissjoni, ir-reazzjonijiet differenti mill-Istati Membri jistgħu jiġu spjegati b'diversi fatturi, inkluż in-numru ta' movimenti tal-annimali li saru fl-azjenda agrikola, l-azzjoni ta' mitigazzjoni mwettqa mill-bidwi, id-dewmien fin-notifika u l-post tal-azjenda agrikola f'Żona Vulnerabbli għan-Nitrati.

### Tweġiba Komuni tal-Kummissjoni għall-paragrafu 71 u l-Kaxxa 7

Skont it-tabella tal-evalwazzjoni użata fi Schleswig Holstein, li hija bbażata fuq l-istess tabella applikata fil-Ġermanja kollha, il-livell limitu msemmi hu biss rakkomandazzjoni lill-ispettur li japplika biss għal notifiki tard li kienu diġà ġew ikkorreġuti qabel ma l-bdiewa saru jafu li kellhom ikunu soġġetti għal verifika fuq il-post. F'każ li l-bidwi ma jkunx wettaq rimedju qabel ma tħabbar il-kontroll, kienet tiġi applikata sanzjoni. Approċċi simili kienu diġà ġew osservati mid-DĠ AGRI fi Stati Membri oħra.

## Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

### 73

Sa mill-2005, il-proċess kontinwu ta' rieżaminar u simplifikar tal-ambitu tal-kundizzjonalità pprovda r-riżultati li ġejjin:

Il-proċeduri ta' kontroll ġew issimplifikati matul il-perjodu 2005–2013 bl-introduzzjoni ta' dispożizzjonijiet dwar l-armonizzazzjoni tar-rati ta' kontroll, avviż minn qabel, iż-żmien meta jsiru l-ispezzjonijiet fuq il-post u l-elementi tagħhom u l-għażla ta' kampjun ta' kontroll.

Barra minn hekk, bl-aħħar riforma tal-PAK l-ambitu tal-kundizzjonalità ġie rieżaminat fejn ġiet ikkunsidrata l-kontrollabbiltà u r-rabta mal-attività agrikola tal-obbligi tal-bdiewa. Għalhek l-għadd ta' RĠS tnaqqas minn 18 għal 13, u l-għadd ta' standards tal-KAAT naqas minn 15 għal 7.

Il-Kummissjoni tqis li l-iskala tal-isforz li sar diġà fis-simplifikazzjoni jagħmilha improbabbli ħafna li kull simplifikazzjoni ulterjuri tista' tinkiseb mingħajr ma jiġu mminati pereżempju l-objettivi ambjentali tal-kundizzjonalità.

### 74

L-objettivi tal-kundizzjonalità huma intenzjonati biex jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' agrikoltura sostenibbli permezz ta' sensibilizzazzjoni tal-bdiewa u biex il-PAK issir aktar kompatibbli mal-aspettativi tas-soċjetà. L-objettivi tal-KAAT huma intenzjonati biex jikkontribwixxu għall-evitar tal-erożjoni tal-ħamrija, iż-żamma tal-materjal organiku u l-istruttura tal-ħamrija, l-iżgurar ta' livell minimu ta' manutenzjoni, l-evitar tad-deterjorament tal-ambjenti u l-protezzjoni u l-ġestjoni tal-ilma. F'dan ir-rigward, il-kundizzjonalità mhijiex l-għodda tal-implimentazzjoni għal politiki oħra, li għandhom l-objettivi tagħhom stess. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-indikaturi tal-prestazzjoni użati għall-kejl tal-effettività tal-kundizzjonalità fil-kisba tal-objettivi tagħha huma l-aktar addattati fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli.

### Rakkomandazzjoni 1

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

### 75

Nofs il-każijiet ta' ksur huma marbuta ma' RSĠ marbutin mal-annimali. Dan kien ikkunsidrat mill-Kummissjoni meta kienet qed twettaq missjonijiet b'ambitu speċifiku fl-2014 li tiffoka fuq RSĠ marbutin mal-annimali.

L-analiżi tar-raġunijiet għal ksur issir fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni settorjali. Madankollu, l-kundizzjonalità u s-Sistema Konsultattiva għall-Azjendi Agrikoli għandhom rwol biex jiġu indirizzati r-raġunijiet għall-ksur.

## Rakkomandazzjoni 2
Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

**76**

Il-leġiżlazzjoni tal-kundizzjonalità tipprevedi li l-kontrolli fuq il-post ikunu mmirati lejn l-azjendi agrikoli l-aktar riskjużi permezz ta' għażla ta' kampjun ibbażat fuq analiżi tar-riskji. F'dan ir-rigward, l-Istati Membri diġà għandhom il-flessibilità li tgħinhom jilħqu l-aħjar livell ta' kontrolli tal-kundizzjonalità.

## Rakkomandazzjoni 3
Il-Kummissjoni ma taċċettax din ir-rakkomandazzjoni. Ir-rakkomandazzjoni mill-Qorti ma tissimplifikax il-kundizzjonalità imma fil-prattika tnaqqas l-ambitu tagħha. Is-simplifikazzjoni tal-ambitu tal-kundizzjonalità diġà twettaq bosta drabi fil-passat. Barra minn hekk l-Istati Membri issa għandhom spazju wiesa' fejn jiċċaqalqu biex iqisu r-riskji fil-kampjuni tal-kontroll u jottimiżżaw is-sistemi ta' kontroll tagħhom. Il-Kummissjoni tqis li din ir-rakkomandazzjoni tista' tirriżulta fl-illaxkar tar-regoli dwar il-verifiki fuq il-post li fl-aħħar mill-aħħar jimmina l-effettività tal-kundizzjonalità.

**77**

L-objettivi ambjentali (eż. il-manutenzjoni tal-art u l-bijodiversità) huma segwiti mhux biss permezz tal-pagamenti tal-ekoloġizzazzjoni u l-istandards tal-KAAT iżda wkoll permezz ta' miżuri ambjentali u klimatiċi fil-Pilastru II kif ukoll il-leġiżlazzjoni ambjentali. Madankollu, in-natura, ir-raġunijiet u l-funzjonament ta' dawn id-diversi strumenti huma differenti u komplimentari. Il-komplementarjetà tagħhom hi spjegata fil-Figura 1 ta' SWD (2016) 218 final.

Kemm ir-regoli tal-ekoloġizzazzjoni u l-KAAT huma ġestiti mis-SIAK u dan jiżgura l-aħjar użu tar-riżorsi. Madankollu hemm raġunijiet għall-fatt li l-ekoloġizzazzjoni u l-KAAT u mhux bilfors jiġu eżaminati flimkien. Peress li l-ekoloġizzazzjoni hija kriterju ta' eliġibbiltà, din tiġi kkontrollata *ex ante* permezz ta' kontrolli amministrattivi u kontrolli fuq il-post għal 5 % tal-benefiċjarji. Il-KAAT huma kkontrollati taħt il-kundizzjonalità li hija ġestita b'mod differenti mir-rekwiżiti ta' eliġibbiltà.

## Rakkomandazzjoni 4
Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

**78**

Ir-RSĠ jirriżultaw minn leġiżlazzjonijiet settorjali u l-Istati Membri jistgħu jagħmlu użu mis-sistemi eżistenti tagħhom ta' amministrazzjoni u ta' kontroll (l-Artikolu 96 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013). Is-sistemi eżistenti ta' kontroll jistgħu jintużaw b'mod sinerġiku għas-sistema ta' kontroll tal-kundizzjonalità. Il-KAAT m'għandhomx jgħabbu lill-bdiewa bi spejjeż sinifikanti peress li huma intiżi li jkunu standards bażiċi. L-ispejjeż tal-kontrolli tagħhom jinġarru mis-SIAK li sservi wkoll strumenti oħra tal-PAK.

Il-Kummissjoni kkwantifikat fir-Rapport ta' Attività Annwali tagħha tal-2014 l-ispejjeż ġenerali relatati mal-kontroll fl-Istati Membri bir-riżerva li "l-effett ta' deterrent tal-kontrolli ex-post" (bħall-kundizzjonalità) "iġib ukoll benefiċċji mhux kwantifikabbli".

## Rakkomandazzjoni 5

Il-Kummissjoni parzjalment taċċetta din ir-rakkomandazzjoni. L-implimentazzjoni ta’ din ir-rakkomandazzjoni ser tiddependi mill-eżitu tal-istudju ppjanat fuq il-piż amministrattiv. Il-kostijiet amministrattivi tal-kundizzjonalità għandhom jitqiesu fil-kuntest tal-kostijiet tan-nonkonformità għas-soċjetà, il-finanzi pubbliċi u l-ambjent u tal-benefiċċji potenzjali tal-kundizzjonalità.

## 79

Filwaqt li l-qafas huwa stabbilit fil-livell tal-UE, l-obbligi taħt ir-RSĠ u l-KAAT fl-azjendi agrikoli huma fil-biċċa l-kbira ddefiniti mill-Istati Membri biex iqisu l-isfidi u l-istrutturi agrikoli fil-kundizzjonijiet nazzjonali jew reġjonali.. F’dan ir-rigward huwa importanti li jitħalla marġni ta’ implimentazzjoni f’idejn l-Istati Membri għall-kalkolu ta’ penali għal kull wieħed minn dawn l-obbligi fl-azjenda agrikola. Ir-regolament tal-UE jistabbilixxi l-prinċipju li s-sanzjonijiet huma kkalkulati fuq bażi ta’ każ b’każ waqt li jitqiesu l-gravità, il-firxa, il-permanenza, ir-rikorrenza jew l-intenzjoni tan-nuqqas ta’ konformità. L-implimentazzjoni armonizzata ta’ dawn il-prinċipji madwar l-Istati Membri hija żgurata, b’mod partikolari permezz ta’ awditi mwettqa mill-Kummissjoni. Jekk jinstabu xi nuqqasijiet fi Stat Membru partikolari f’dan ir-rigward, jiddaħħal segwitu xieraq fil-qafas tal-approvazzjoni tal-kontijiet.

## Rakkomandazzjoni 6

Il-Kummissjoni taċċetta din ir-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni qed tippjana li torganizza skambji tal-aħjar prattika dwar dawn il-kwistjonijiet.

## KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

**Pubblikazzjonijiet bla ħlas:**

- kopja waħda:
  permezz tal-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu);
- iżjed minn kopja waħda jew posters/mapep:
  mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea (http://ec.europa.eu/represent_mt.htm),
  mid-delegazzjonijiet f'pajjiżi li mhumiex fl-UE (http://eeas.europa.eu/delegations/index_mt.htm),
  billi tikkuntatja s-servizz Europe Direct (http://europa.eu/europedirect/index_mt.htm)
  jew ċempel 00 800 6 7 8 9 10 11 (numru tat-telefown bla ħlas minn kullimkien fl-UE) (*).

  (*) L-informazzjoni mogħtija hija b'xejn, kif ukoll it-telefonati ġeneralment huma b'xejn (għalkemm xi operaturi, kabini tat-telefown jew lukandi jistgħu jitolbu ħlas).

**Pubblikazzjonijiet bi ħlas:**

- permezz tal-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu).

| Avveniment | Data |
|---|---|
| Adozzjoni tal-APM / Bidu tal-awditu | 15.7.2015 |
| L-abbozz tar-rapport jintbagħat uffiċjalment lill-Kummissjoni (jew lil parti awditjata oħra) | 16.6.2016 |
| Adozzjoni tar-rapport finali wara l-proċedura kontradittorja | 7.9.2016 |
| Ir-risposti uffiċjali tal-Kummissjoni (jew ta' parti awditjata oħra) riċevuti bil-lingwi kollha | 31.8.2016 |

**Il-kundizzjonalità tapplika għal 7.5 miljun bidwi u torbot il-biċċa l-kbira mill-pagamenti taħt il-PAK (madwar EUR 47 biljun fl-2015) mar-rekwiżit li l-bdiewa jikkonformaw ma' regoli bażiċi għall-ambjent, għas-sikurezza alimentari, għas-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, u għall-kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajbin. Aħna kkonkludejna li l-informazzjoni disponibbli ma ppermettietx lill-Kummissjoni tivvaluta b'mod adegwat l-effettività tal-kundizzjonalità. L-indikaturi tal-prestazzjoni ma ħadux inkunsiderazzjoni l-livell tan-nuqqas ta' konformità mill-bdiewa, u l-Kummissjoni ma analizzatx ir-raġunijiet għall-infrazzjonijiet. Għalkemm il-bidliet fil-PAK għall-perjodu 2014–2020 naqqsu l-għadd tar-regoli tal-kundizzjonalità, il-proċeduri ta' kontroll jibqgħu kumplessi. Barra minn hekk, l-ispejjeż involuti fl-implimentazzjoni tal-kundizzjonalità ma jiġux ikkwantifikati biżżejjed.**

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet